Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2116(INI)

5.5.2025

EMENDI
1 - 339

Abbozz ta' rapport
Aurore Lalucq
(PE770.112v01-00)

Il-faċilitazzjoni u l-finanzjament tal-investimenti u tar-riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea u l-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (ir-Rapport Draghi)
(2024/2116(INI))

Emenda 1
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni -1 (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 intitolata "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)124),

Or. en

Emenda 2
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 intitolata "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)30),

Or. en

Emenda 3
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 intitolata "Il-Patt għal

Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" (COM(2025)85),

Or. en

Emenda 4
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)640),

Or. en

Emenda 5
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (P9_TA(2020)0005),

Or. en

Emenda 6
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 intitolata "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)98);

Or. en

Emenda 7
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari (P9_TA(2021)0640),

Or. en

Emenda 8
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 intitolata "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)124),

Or. en

Emenda 9
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 intitolata "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)30),

Or. en

Emenda 10
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 intitolata "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)30),

Or. en

Emenda 11
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-

Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" tad-19 ta' Marzu 2025 (COM(2025)124),

Or. en

Emenda 12
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intitolata "Investimenti u r-riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea u l-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali" (ECO/665),

Or. en

Emenda 13
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-ESMA dwar is-Suq intitolat "Costs and Performance of EU Retail Investment Products 2023" (Kostijiet u Prestazzjoni tal-Prodotti ta' Investiment bl-Imnut) ta' Diċembru 2023,

Or. en

Emenda 14
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-ESMA intitolata "Sustainable investments: Facilitating the investor journey - A holistic vision for the long term" (Investimenti Sostenibbli: Faċilitazzjoni tal-vjaġġ tal-investitur - Viżjoni olistika għat-terminu t-twil) ta' Lulju 2024,

Or. en

Emenda 15
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument tal-persunal tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) ta' Settembru 2024 intitolat "The Future Pan-European Pension Product" (Il-futur tal-prodott tal-pensjoni pan-Ewropew),

Or. en

Emenda 16
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra r-rapport tal-EIOPA intitolat "Costs and past performance report" (Rapport dwar il-kostijiet u l-prestazzjoni fl-imgħoddi) ta' April 2025,

Or. en

Emenda 17
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-EIOPA intitolat "Final Report on the Prudential Treatment of Sustainability Risks for Insurers" (Rapport Finali dwar it-Trattament Prudenzjali tar-Riskju għas-Sostenibbiltà għall-Assiguraturi) ta' Novembru 2024,

Or. en

Emenda 18
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 intitolata "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)129),

Or. en

Emenda 19
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej intitolat "Joint Committee report on the functioning of the securitisation regulation" (Rapport tal-Kumitat Konġunt dwar il-funzjonament tar-regolamentazzjoni tat-titolizzazzjoni),

Or. en

Emenda 20
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sitt Rapport ta' Sinteżi tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC),

Or. en

Emenda 21
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rappot tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq tal-21 ta' Settembru 2023 intitolat "The EU securitisation market – an overview" [1a]

(Is-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE – ħarsa ġenerali),

[1a] ESMA50-524821-2908

Or. en

Emenda 22
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika ta' Diċembru 2022 intitolata "Kunming-Montreal Global Biodiversity Framework" (Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal),

Or. en

Emenda 23
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2025 fir-rigward ta' ċiklu ta' saldu iqsar fl-UE, jiġifieri minn jumejn għal jum wieħed[1a],

---

[1a] COM(2025)38 final

Or. en

Emenda 24
Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 intitolata "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti: Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)124),

Or. en

Emenda 25
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija, varata fi Frar 2023,

Or. en

Emenda 26
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi t-tkabbir u l-kompetittività Ewropej jiddependu b'mod qawwi mill-materja prima esterna u mill-minerali kritiċi u, għaldaqstant, jirrikjedu tranżizzjoni urġenti lejn l-effiċjenza fir-

riżorsi u ċirkolarità reali; billi ma hemm l-ebda kompetittività sostenibbli mingħajr ma jitqiesu l-kriżi klimatika, it-telf tal-bijodiversità u s-sostenibbiltà soċjali bla preċedent;

Or. en

Emenda 27
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. billi dawn l-isfidi jistgħu jiġu solvuti biss billi l-flussi finanzjarji jiġu diretti lejn tkabbir ġdid u sostenibbli u billi d-diskrepanza fl-investiment annwali globali biex tinkiseb sal-2050 in-newtralità karbonika tkun aktar minn EUR 8000 biljun; billi 3,1 % biss tal-assi globali mmaniġġjati huwa dirett lejn investiment sostenibbli b'mod ċar u sa 70 % huwa mmirat lejn attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-klima jew lill-ambjent;

Or. en

Emenda 28
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tiġi restawrata*** l-produttività ***tal-UE*** u ***jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali*** tal-UE***;***	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***jerġgħu jinġiebu*** l-produttività u ***l-kompetittività*** tal-UE

Or. en

Emenda 29
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika ***li huwa meħtieġ minimu*** ta' ***EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u*** jintlaħqu l-objettivi ***ambjentali u soċjali*** tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika ***bżonnijiet*** ta' ***finanzjament dejjem akbar biex jerġgħu jinġiebu l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku kif ukoll biex*** jintlaħqu l-objettivi tal-UE;

Or. en

Emenda 30
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tiġi restawrata l-produttività*** tal-UE u ***jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE***;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***terġa' tinġieb il-produttività*** tal-UE u ***biex tingħata ħajja ġdida lill-kompetittività Ewropea***;

Or. en

Emenda 31
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi ***restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali*** u ***soċjali tal-UE***;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***jerġa' jiġi attivat it-tkabbir sostenibbli, terġa' tinġieb il-produttività,*** tiġi ***appoġġjata l-kompetittività, titrawwem l-innovazzjoni, jiżdiedu d-difiża u s-sigurtà*** u ***jitnaqqsu d-dipendenzi***;

Or. en

Emenda 32
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi ***restawrata l-produttività*** tal-UE ***u jintlaħqu l-objettivi ambjentali*** u ***soċjali*** tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi ***appoġġjata t-tranżizzjoni enerġetika*** tal-UE***, jitqawwa r-rwol ta' tmexxija tagħha fit-teknoloġija diġitali, jissaħħu d-difiża*** u ***s-sigurtà u tingħata spinta lill-produttività*** tal-UE;

Or. en

Emenda 33
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex jerġgħu jinġiebu l-produttività u l-kompetittività tal-UE

Or. en

Emenda 34
Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tiġi restawrata*** l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***jerġgħu jinġiebu*** l-produttività ***u l-kompetittività*** tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ***ekonomiċi,*** ambjentali u soċjali tal-UE;

Or. en

Emenda 35
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tiġi restawrata l-produttività*** tal-UE u ***jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE***;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***jerġgħu jinġiebu l-kompetittività*** tal-UE u ***t-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomija Ewropea***;

Or. en

Emenda 36
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika ***li huwa meħtieġ minimu*** ta' ***EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE***;	A. billi r-Rapport Draghi identifika ***livelli għoljin ta' frammentazzjoni tas-suq, inkonsistenzi fil-politiki*** ta' ***tassazzjoni u fil-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza kif ukoll dipendenza eċċessiva mill-finanzjament b'dejn bħala għud mill-kawżi profondi tal-finanzjament baxx tal-investimenti fl-UE***;

Or. en

Emenda 37
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi ***identifika*** li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tiġi restawrata l-produttività*** tal-UE ***u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE***;	A. billi r-Rapport Draghi ***ssuġġerixxa*** li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex ***tinżamm il-kompetittività*** tal-UE***; li s-somma tikkorrispondi għall-PDG annwali tal-2023 fil-prezzijiet kurrenti ta' għaxar Stati Membri***;

Or. en

Emenda 38
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali

addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;	addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE; ***billi kkorrispondiet għal 4,4-4,7 % tal-PDG tal-UE fl-2023[1a];***
	1aM. Draghi, The future of European competitiveness, Part A, A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A, Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. en

Emenda 39
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE; ***inklużi EUR 450 biljun għat-tranżizzjoni enerġetika biss, li minnhom EUR 260 biljun għandhom jiġu mis-settur pubbliku skont l-Institut Rousseau;***

Or. en

Emenda 40
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Aa. billi kwantità kbira ta' regolamentazzjoni ferm teknika, oneruża u spiss kontradittorja, flimkien ma' approċċ politiku li jpoġġi kulħadd f'keffa waħda u ma' sforzi ta' ċentralizzazzjoni huma r-raġunijiet ewlenin għala t-tentattivi preċedenti biex tinħoloq Unjoni tas-Swieq Kapitali favorevoli għan-negozju u għall-investimenti ma kisbux riżultati sinifikanti;

Or. en

Emenda 41
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-rapport josserva li l-ebda kumpanija fl-Unjoni b'kapitalizzazzjoni fis-suq ogħla minn EUR 100 biljun ma nholqot bħala entità ġdida f'dawn l-aħħar 50 sena, filwaqt li fl-istess perjodu, sitt kumpaniji tal-Istati Uniti, tal-valur ta' aktar minn triljun dollaru, inħolqu fl-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 42
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-rapport Draghi ġibed l-attenzjoni għal nuqqas gravi ta' kompetittività ġenerali tal-ekonomija Ewropea kif ukoll nuqqas ta' tkabbir tal-produttività b'mod partikolari;

Or. en

Emenda 43
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
René Repasi, Niels Fuglsang, Claire Fita, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni setgħet ikollha bżonn infiq annwali għad-difiża ta' mill-anqas EUR 250 biljun fis-sena fit-terminu qasir biex tiskoraġġixxi l-aggressjoni Russa;

Or. en

Emenda 44
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-baġit annwali tal-UE jipprovdi spazju fiskali ristrett għall-implimentazzjoni tal-patt dwar il-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 45
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-kapital ta' riskju Ewropew baqa' ferm wara dak tal-Istati Uniti, li

huwa 80 % wara fil-fażi inizjali, 73 % wara fil-fażi bikrija u 82 % wara fil-fażi tat-tkabbir; fl-Ewropa l-produttività naqset b'aktar minn 0,5 % matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2019; minħabba d-deklin fir-rati tat-twelid, it-tkabbir tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol beda jbatti mis-snin disgħin u f'dawn l-aħħar għaxar snin beda jonqos;

Or. en

Emenda 46
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi Draghi jissuġġerixxi li s-soluzzjoni tinsab fl-attrazzjoni tal-investiment, fil-biċċa kbira billi jiġi żblukkat il-kapital privat, bil-ħolqien tal-Unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti;

Or. en

Emenda 47
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi fl-2022 l-assi tal-pensjonijiet fl-Unjoni Ewropea rrappreżentaw biss 32 % tal-PDG, meta mqabbla mal-142 % fl-Istati Uniti, u dan jenfasizza disparità sinifikanti fil-kobor u fl-iżvilupp tas-sistemi tal-pensjonijiet privati fl-Ewropa; billi din id-diskrepanza tirrifletti s-sottożvilupp tat-tieni pilastru tas-sistemi tal-pensjonijiet f'bosta Stati Membri,

b'hekk jiġu limitati l-alternattivi ta' tfaddil fit-tul għaċ-ċittadini Ewropej; billi l-iskemi tal-pensjonijiet privati jiżvolġu rwol kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà finanzjarja fl-irtirar, itaffu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u jsaħħu r-reżiljenza kumplessiva tas-swieq finanzjarji tal-Ewropa; billi jeżisti bżonn urġenti ta' miżuri konkreti biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-pensjonijiet privati fl-Ewropa, inklużi l-inċentivi għat-tfaddil fit-tul, is-simplifikazzjoni tal-investimenti transfruntieri fil-fondi tal-pensjonijiet u t-tneħħija tal-ostakli għat-tkabbir tal-fondi tal-pensjonijiet, bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika Ewropea futura u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet;

Or. en

Emenda 48
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-pjan ReArm Europe jikkonsisti f'ħames pilastri mmirati lejn il-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, u ***jkopri kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll l-unjoni*** tat-tfaddil u tal-investimenti;	B. billi l-pjan ReArm Europe jikkonsisti f'ħames pilastri mmirati lejn il-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, ***ikopri s-sinerġiji bejn is-settur pubbliku*** u ***dak privat bil-għan li jattira l-investimenti permezz tal-iżvilupp tal-unjoni*** tat-tfaddil u tal-investimenti;

Or. en

Emenda 49
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-pjan ReArm Europe jikkonsisti f'ħames pilastri mmirati lejn il-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, u jkopri kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll l-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti;	B. *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu li qed jiġi eżaminat.)*

Or. en

Emenda 50
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi d-deċiżjonijiet meħuda dan l-aħħar mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti, inklużi dawk biex jgħollu d-dazji, iġġeneraw inċertezzi kbar b'riperkussjonijiet negattivi għat-tkabbir, għall-inflazzjoni u għat-tbassir okkupazzjonali; billi s-swieq finanzjarji rreaġixxew bil-qawwa għall-orjentament politiku l-ġdid tal-Istati Uniti; billi minn Jannar 2025 id-dollaru ddeprezza ruħu konsiderevolment filwaqt li żdiedu r-rendimenti mill-kambjali tat-teżor tal-Istati Uniti, u dan jagħti x'tifhem li l-investituri x'aktarx se jiddevjaw il-flussi tal-kapitali lejn direzzjonijiet oħra;

Or. en

Emenda 51
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***storikament*** fl-Ewropa s-settur privat ***ikkontribwixxa*** madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, ***fejn is-settur*** pubbliku ***kkontribwixxa*** l-bqija[3];	C. billi fl-Ewropa s-settur privat ***jikkontribwixxi*** madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, ***filwaqt li s-settur*** pubbliku ***jikkontribwixxi*** l-bqija[3];
[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.	[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. en

Emenda 52
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi storikament fl-Ewropa s-settur privat ikkontribwixxa madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, fejn is-settur pubbliku kkontribwixxa l-bqija[3];	C. billi storikament fl-Ewropa s-settur privat ikkontribwixxa madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, fejn is-settur pubbliku kkontribwixxa l-bqija[3]; ***billi l-livelli kumplessivi tal-investimenti produttivi fl-UE kienu konsiderevolment aktar baxxi milli dawk fl-Istati Uniti f'dawn l-aħħar għoxrin sena;***
[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.	[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. en

Emenda 53
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi storikament fl-Ewropa s-settur privat ikkontribwixxa madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, fejn is-settur pubbliku kkontribwixxa l-bqija[3];	C. billi storikament fl-Ewropa s-settur privat ikkontribwixxa madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, fejn is-settur pubbliku kkontribwixxa l-bqija[3]; ***billi, skont Finance Watch, is-swieq kapitali jistgħu jipprovdu biss terz tal-bżonnijiet ta' investiment tal-UE[3a];***
[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.	[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024. ***[3a] Philipponnat, Europe's coming investment crisis. What if capital markets could only meet a third of Europe's essential funding needs? rapport ta' Finance Watch, 2024.***

Or. en

Emenda 54
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi 18 % biss taċ-ċittadini Ewropej għandu livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju, kif enfasizza l-Monitoraġġ tal-Litteriżmu Finanzjarju fl-Ewropa li hejjiet il-Kummissjoni Ewropea; billi l-maġġoranza, jiġifieri l-64 %, għandha livell medju ta' għarfien finanzjarju, u 18 % għandu livell baxx ta' litteriżmu

finanzjarju, u dan joħloq lakuna sinifikanti fil-kapaċitajiet finanzjarji taċ-ċittadini Ewropej; billi erba' Stati Membri biss, li jirrappreżentaw kwart tal-popolazzjoni tal-UE, għandhom livelli għoljin ta' għarfien finanzjarju, jiġifieri n-Netherlands, id-Danimarka, l-Iżvezja u s-Slovenja; billi ż-żieda tal-litteriżmu finanzjarju hija essenzjali biex il-persuni jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-tfaddil, l-investimenti u l-ippjanar għal meta joħorġu bil-pensjoni, u b'hekk jitjieb il-benesseri finanzjarju fit-tul tagħhom; billi huwa neċessarju li fl-UE kollha tissaħħaħ l-edukazzjoni finanzjarja, biex iċ-ċittadini jkunu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex isibu tarf is-swieq finanzjarji dejjem aktar kumplessi u jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' investiment, li se jikkontribwixxu biex tikber l-ekonomija;

Or. en

Emenda 55
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-PDG tal-UE rrappreżenta 17 % tal-PDG dinji fl-2023, livell li jixbah lil dak taċ-Ċina, iżda 9 punti perċentwali anqas mill-Istati Uniti; billi l-Unjoni għandha wieħed mill-aktar koeffiċjenti Gini baxxi fid-dinja[1a], u dan jindika inugwaljanza fl-introjtu relattivament baxx meta mqabbel ma' ekonomiji kbar oħrajn; billi tkabbir fil-produttività b'ritmu aktar baxx, min-naħa tiegħu, ġie assoċjat ma' tkabbir fl-introjtu b'ritmu aktar baxx u ma' domanda

interna aktar skarsa fl-Ewropa[1b];

[1a] ***https://data.worldbank.org/indicator/SI.POV.GINI?locations=EU***

[1b] M. Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. en

Emenda 56
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma' EUR 840 biljun fl-Istati Uniti;	D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma' EUR 840 biljun fl-Istati Uniti***, u dan jirrifletti strateġiji ta' tfaddil u ta' investiment differenti ankrati f'kulturi finanzjarji differenti***;

Or. en

Emenda 57
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel	D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma' EUR 840 biljun fl-Istati Uniti***, għad li***

ma’ EUR 840 biljun fl-Istati Uniti;	***l-unitajiet domestiċi tal-UE għandhom anqas ġid b’mod konsiderevoli meta mqabbla mal-kontropartijiet tal-Istati Uniti***;

Or. en

Emenda 58
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma’ EUR 840 biljun fl-Istati Uniti;	D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma’ EUR 840 biljun fl-Istati Uniti; ***billi, bħala medja, EUR 300 biljun fis-sena tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE jiġu diretti mill-ġdid lejn l-ekonomija tal-Istati Uniti;***

Or. fr

Emenda 59
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-ekonomija mmexxija mis-suq hija essenzjali biex jitrawmu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-investiment, u l-importanza li jiġi rispettat dan il-prinċipju hija kruċjali għall-kompetittività ekonomika tal-Ewropa; billi, f’ekonomija mmexxija mis-suq, il-kapital privat għandu rwol ċentrali biex jixpruna l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, u l-ħolqien ta’ impjiegi ġodda, li huwa partikolarment essenzjali għall-iżvilupp

tas-settur tal-kapital ta' riskju; billi, minkejja l-bażi qawwija ta' tfaddil tal-Ewropa, l-investiment privat, speċjalment fil-kapital ta' riskju, għadu lura b'mod sinifikanti meta mqabbel ma' dak tal-Istati Uniti; billi l-politiki li jippermettu ambjent tas-suq ħieles u kompetittiv huma essenzjali biex jingħalaq dan id-distakk u jiġi żgurat li l-Ewropa tkun tista' tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku tagħha, filwaqt li tattira kemm investimenti domestiċi kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 60
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi t-titoli finanzjarji (ishma kkwotati, bonds, fondi mutwi u derivattivi) miżmuma direttament mill-unitajiet domestiċi bħalissa jirrappreżentaw 43 % tal-ġid tal-unitajiet domestiċi tal-Istati Uniti, iżda 17 % biss tal-ġid tal-unitajiet domestiċi tal-UE[1a];
	[1a] M. Draghi, Il-futur tal-kompetittività Ewropea Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa, 2024

Or. en

Emenda 61
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi volum akbar ta' ffrankar fl-Ewropa meta mqabbel mal-Istati Uniti jnaqqas ukoll l-inflazzjoni meta mqabbel mal-Istati Uniti, u għalhekk il-kapaċità tal-akkwist protetta aħjar tal-unitajiet domestiċi Ewropej;

Or. en

Emenda 62
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi 70 % tat-tfaddil bl-imnut fl-Unjoni huwa ddepożitat f'depożiti bankarji, u 30 % biss jinżammu fil-forma ta' strumenti tas-suq kapitali, filwaqt li fl-Istati Uniti, is-sitwazzjoni hija l-oppost;

Or. en

Emenda 63
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 %	E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom ***(aktar minn tliet darbiet ogħla meta mqabbel ma' 4,7 % fl-Istati Uniti [2a])*** u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti ***(12,1 % fl-Istati Uniti)*** li joffru ***biss*** redditi limitati; billi kellhom

(EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati***4***;	36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment ***(49,1 % fl-Istati Uniti)***u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati ***(27,5 % fl-Istati Uniti)***;***[3a]*** ***4***;
	[2a] Uffiċċju tal-Analiżi Ekonomika tal-Istati Uniti, "Personal Income and Its Disposition, Monthly" (Introjtu personali u d-disponiment tiegħu, ta' kull xahar), 2025
	[3a] Bord tal-gvernaturi tas-Sistema Federali ta' Riżerva, karta tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, 2025
4 Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.	***4*** Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

Or. en

Emenda 64
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4];	E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati***, parzjalment minħabba ż-żieda fil-kostijiet tas-servizz tal-banek, li min-naħa tagħhom huma r-riżultat ta' regolamenti mhux ċari fil-livell tal-UE***; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4];

[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

Or. en

Emenda 65
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4];	E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4]; ***billi l-użu aktar effiċjenti tad-depożiti miżmuma f'kontijiet bankarji Ewropej fis-swieq kapitali jista' jfisser EUR 350 biljun addizzjonali kull sena għall-investimenti;***

[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

Or. en

Emenda 66
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4];	E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4]; ***billi skont ir-rapport Letta, EUR 300 biljun ta' tfaddil tal-familji Ewropej jiġu ddevjati mis-suq tal-UE għas-swieq finanzjarji barranin;***
[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.	[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

Or. en

Emenda 67
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, mill-kriżi finanzjarja tal-2008, ir-regolament finanzjarju tal-UE ffoka primarjament fuq l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-investituri; billi dawn l-objettivi, filwaqt li huma essenzjali, mhux dejjem ġew segwiti permezz tal-aktar approċċi effettivi jew proporzjonati; billi l-miżuri futuri għandhom jagħmlu enfasi akbar fuq li s-swieq kapitali Ewropej isiru aktar attraenti, aċċessibbli u kompetittivi kemm

għall-emittenti kif ukoll għall-investituri; billi l-protezzjoni tal-investituri hija kompatibbli bis-sħiħ ma' qafas regolatorju aktar ibbażat fuq ir-riskju li jrawwem il-profittabbiltà, jappoġġja l-iżvilupp tas-suq, u jinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar fil-livell tal-konsumatur f'portafolli ta' investiment diversifikati sew u preferibbilment Ewropej;

Or. en

Emenda 68
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, skont ir-rapport Noyer, is-suq tat-titolizzazzjoni fl-Ewropa kkollassa mill-2008, u niżel minn 2 000 biljun pendenti fl-2008 għal 1 200 biljun fl-2023, filwaqt li fl-Istati Uniti ċ-ċifra attwali (13 700 biljun fl-2021) żdiedet mill-11 300 biljun fl-2008;

Or. fr

Emenda 69
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi sa EUR 8 triljun jistgħu jiġu trasferiti lejn strumenti ta' investiment ibbażati fuq is-suq – jew fluss ta' madwar

EUR 350 biljun fis-sena – [1a], jekk l-unitajiet domestiċi tal-UE jaġġustaw l-allokazzjoni tagħhom bejn id-depożiti u l-assi finanzjarji biex jirriflettu l-istruttura osservata fl-unitajiet domestiċi tal-Istati Uniti;

[1a] Il-Bank Ċentrali Ewropew, "'Follow the money: channelling savings into investment and innovation in Europe" (Insegwu l-flus: niddirieġu t-tfaddil lejn l-investiment u l-innovazzjoni fl-Ewropa) diskors ta' Christine Lagarde, President tal-Bank Ċentrali Ewropew, 22 ta' Novembru 2024

Or. en

Emenda 70
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi skont analiżi tal-BĊE, kieku l-unitajiet domestiċi tal-UE kellhom jallinjaw il-proporzjon tad-depożiti mal-assi finanzjarji tagħhom ma' dak tal-unitajiet domestiċi tal-Istati Uniti, stokk sa EUR 8 triljun jista' jiġi ridirett f'investimenti fit-tul ibbażati fuq is-suq – jew fluss ta' madwar EUR 350 biljun fis-sena;

Or. en

Emenda 71
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-BĊE kkalkula li jekk l-unitajiet domestiċi fl-Unjoni jallinjaw il-proporzjon tad-depożiti mal-assi finanzjarji tagħhom ma' dak tal-unitajiet domestiċi fl-Istati Uniti, sa EUR 8 triljun jistgħu jiġu diretti mill-ġdid lejn investimenti bbażati fuq is-suq, li jammonta għal fluss ta' madwar EUR 350 biljun fis-sena;

Or. en

Emenda 72
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi madwar 70 % tal-finanzjament korporattiv fl-UE huwa fil-forma ta' self mill-banek, għall-kuntrarju tal-Istati Uniti fejn madwar 77 % tal-finanzjament korporattiv huwa ffinanzjat permezz tas-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 73
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-unitajiet domestiċi Ewropej jinvestu madwar EUR 300 biljun [1a] fis-sena barra mill-UE—primarjament fl-

Istati Uniti—; billi dan l-ammont huwa komparabbli mal-kapital addizzjonali li jista' jiġi mobilizzat fl-UE taħt kundizzjonijiet aktar orjentati lejn is-suq;

[1a] ***"Much more than a Market" (Ħafna aktar milli suq), Enrico Letta, 2024***

Or. en

Emenda 74
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi s-swieq Ewropej jiffaċċjaw nuqqas sinifikanti ta' likwidità meta mqabbla ma' reġjuni oħra, b'mod partikolari l-Istati Uniti.

Or. en

Emenda 75
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, ***kważi 30 % tal-"unicorns"*** – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;	F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, ***147 "unicorns"*** – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – ***ġew stabbiliti, li minnhom 40*** irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti; ***li l-piż amministrattiv tal-Unjoni huwa stmat għal madwar EUR 150 biljun (1,3 % tal-PDG annwali), u l-ostakli interni huma ppreżentati bħala tariffa ta' 100 % fis-suq intern skont il-FMI;***

Or. en

Emenda 76
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;	F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti***, minħabba qafas kulturali u regolatorju aktar akkoljenti għall-intraprenditorija***;

Or. en

Emenda 77
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;	F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti; ***ifakkar li 4 biss mill-aqwa 50 kumpanija tat-teknoloġija fid-dinja huma Ewropej;***

Or. en

Emenda 78
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati ***aktar minn*** USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;	F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" ***Ewropej*** – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati USD 1 biljun ***jew aktar*** – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 79
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-kost tal-opportunità tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tammonta għal EUR 200 biljun fis-sena, prinċipalment minħabba l-kumplessità u l-volum eċċessiv tal-leġiżlazzjoni Ewropea; bejn l-2019 u l-2024, ġew adottati 3,500 test leġiżlattiv u 2,000 riżoluzzjoni fil-Kungress tal-Istati Uniti, filwaqt li fil-livell Ewropew ġew adottati 13,000 att;

Or. en

Emenda 80
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Bank Ċentrali Ewropew

jenfasizza li r-riskji relatati mal-klima għandhom impatt fuq l-indikaturi makroekonomiċi bħall-inflazzjoni, it-tkabbir ekonomiku, l-istabbiltà finanzjarja u t-trażmissjoni tal-politika monetarja u li t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi naturali x'aktarx se jamplifikaw ir-riskji relatati mal-klima;

Or. en

Emenda 81
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal 2,***1*** % tal-PDG fl-UE fl-***2021***, iżda 3,***5*** % fl-Istati Uniti u 2,***4*** % fiċ-Ċina, filwaqt li l-istrateġija ta' ***Lisbona*** tal-2000 stabbiliet objettiv ta' nfiq għar-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 %;	G. billi l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal 2,***2*** % tal-PDG fl-UE fl-***2023***, iżda 3,***4*** % fl-Istati Uniti u 2,***6*** % fiċ-Ċina, filwaqt li l-istrateġija ta' ***Liżbona*** tal-2000 stabbiliet objettiv ta' nfiq għar-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 ***%, filwaqt li min-nefqa kollha fuq ir-R&Ż fl-UE, is-settur privat irrappreżenta sehem ta' 66*** % ***meta mqabbel ma' 78 % fl-Istati Uniti u 77,7 % fiċ-Ċina***;

Or. en

Emenda 82
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-attrazzjoni tal-investiment privat hija kruċjali biex jiġu stimulati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi madwar l-Ewropa, u

	dan jista' jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' inċentivi fiskali; billi inċentivi bħal dawn inaqqsu d-dipendenza tal-Ewropa fuq ir-riżorsi pubbliċi, jinkoraġġixxu l-allokazzjoni effiċjenti tal-kapital u jippermettu l-finanzjament ta' setturi ewlenin bħall-kapital ta' riskju, l-infrastruttura u t-teknoloġija; billi l-miżuri fiskali għandhom jitfasslu biex jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri fil-politika tat-tassazzjoni, u jiżguraw li jżommu l-flessibbiltà li jfasslu s-sistemi tat-taxxa skont il-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, filwaqt li jippromwovu kundizzjonijiet kompetittivi u ekwi madwar l-Unjoni; billi l-ħolqien ta' qafas koerenti ta' inċentivi fiskali fil-livell Ewropew, li ma jimminax is-sovranità tal-Istati Membri, se jippermetti ekonomija aktar dinamika u reżiljenti, li tappoġġja t-tranżizzjoni lejn ekonomija mmexxija mis-suq;
	Or. en

Emenda 83
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-banek jibqgħu pedament tas-sistema finanzjarja tal-UE u mezz ewlieni għall-finanzjament tal-ekonomija reali; billi qafas regolatorju kkalibrat tajjeb huwa essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, iżda rekwiżiti stretti żżejjed jistgħu jillimitaw is-self u jnaqqsu l-kompetittività; billi l-UE, f'diversi każijiet, marret lil hinn mill-istandards internazzjonali ta' Basel, u dan wassal għal piżijiet ta' konformità li b'mod komparattiv huma ogħla għall-banek tal-UE;

Or. en

Emenda 84
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, skont ir-rapport Draghi, il-pożizzjoni tal-Ewropa fit-teknoloġiji avvanzati li se jixprunaw it-tkabbir futur qed tonqos, u dan jenfasizza li erbgħa biss mill-aqwa 50 kumpanija tat-teknoloġija fid-dinja huma Ewropej, filwaqt li l-pożizzjoni globali tal-UE fit-teknoloġija qed tiddeterjora, billi, mill-2013 sal-2023, is-sehem tal-UE tad-dħul globali mit-teknoloġija naqas minn 22 % għal 18 %, filwaqt li s-sehem tal-Istati Uniti żdied minn 30 % għal 38 % [1a];
	[1a] The Draghi report: A competitiveness strategy for Europe (Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa) (Parti A), paġna 14

Or. en

Emenda 85
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi skont il-FMI, l-ostakli mhux tariffarji li fadal li jillimitaw il-kummerċ intra-UE huma stmati li huma fil-livell tariffarju ta' madwar 45 % għas-settur medju tal-manifattura (tliet darbiet il-livell stmat fost l-istati tal-Istati Uniti) u

ta' 110 % għas-settur medju tas-servizzi[5a];

[5a] Fond Monetarju Internazzjonali, Noti dwar il-perspettivi ekonomiċi reġjonali - Ewropa, Novembru 2024 "Europe's Declining Productivity Growth: Diagnoses and Remedies" (It-tnaqqis fit-tkabbir tal-produttività tal-Ewropa: Dijanjożi u rimedji) https://www.elibrary.imf.org/supplemental/book/9798400287312/9798400287312.xml/REOEUREA2024002-S001_SOURCE_PDF.pdf

Or. en

Emenda 86
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi t-tibdil fil-klima mhux mitigat huwa pproġettat li jnaqqas il-PDG globali b'medja ta' aktar minn 2 % sal-2060, b'xi reġjuni potenzjalment jiffaċċjaw telf sa 6 %, minħabba effetti negattivi fuq il-produttività tax-xogħol, il-produzzjoni agrikola, is-saħħa tal-bniedem, u l-infrastruttura[1a];

[1a] The Economic Consequences of Climate Change (Il-konsegwenzi ekonomiċi tat-tibdil fil-klima), OECD, 2015, https://www.oecd.org/env/the-economic-consequences-of-climate-change-9789264235410-en.htm

Or. en

Emenda 87

Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-UE qed tiffaċċja sitwazzjoni ta' eżodu tal-kapital lejn l-Istati Uniti tal-Amerka, b'madwar EUR 300 biljun mit-tfaddil tal-Ewropej jgħaddi lejn is-swieq kapitali tal-Istati Uniti kull sena; billi huwa urġenti li l-unitajiet domestiċi Ewropej jiġu inċentivati biex ifaddlu u jinvestu fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 88
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi bħalissa aktar minn 80 % tat-teknoloġiji diġitali Ewropej huma importati minn pajjiżi terzi, u dan iwassal għal vulnerabbiltà sistemika u jxekkel il-kompetittività u l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 89
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-istħarriġ tal-BĊE dwar is-self bankarju fiż-żona tal-euro (Jannar

2025) u r-rapport SAFE (Novembru 2024) jidentifikaw in-nuqqas ta' domanda għas-self bħala l-ostaklu ewlieni għal tkabbir oġħla tal-kreditu;

Or. en

Emenda 90
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi fost l-ostakli rrappurtati fis-Suq Uniku, l-SMEs enfasizzaw il-VAT għal 17 %, l-aċċess għas-suq għal 12 %, il-finanzjament għal 10 % u r-rekwiżiti tas-swieq għal 6 % [1a];
	[1a] Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2025, COM/2025/26 final

Or. en

Emenda 91
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, skont stħarriġ tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2023, 18 % biss tal-Ewropej għandhom livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju;

Or. fr

Emenda 92
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali f'Settembru 2015;

Or. en

Emenda 93
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Lulju 2023 juri li 18 % biss taċ-ċittadini tal-UE għandhom livell għoli ta' litteriżmu finanzjarju.

Or. en

Emenda 94
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-gwerer kummerċjali u t-tilwim dwar it-tariffi li għaddejjin qed jikkawżaw inċertezza sinifikanti fis-swieq globali, u qed jaffettwaw b'mod partikolari l-investimenti transfruntiera u jfixklu l-ktajjen tal-provvista stabbiliti;

billi l-impożizzjoni ta' tariffi u ostakli għall-kummerċ jimmina l-prinċipji tal-kummerċ ħieles u s-swieq kompetittivi, li huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq kapitali privati; billi tali tensjonijiet ġeopolitiċi joħolqu riskji addizzjonali għall-investituri, inaqqsu l-fiduċja u jfixklu l-fluss tal-kapital privat bejn il-fruntieri, li huwa kruċjali għall-finanzjament tal-innovazzjoni, in-negozji ġodda u l-kumpaniji tat-tkabbir; billi l-instabbiltà kkawżata minn dawn il-kunflitti kummerċjali tirriskja li tnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi tiskoraġġixxi l-investiment fis-suq Ewropew, b'mod partikolari f'setturi b'riskju għoli li jiddependu ħafna fuq in-networks kummerċjali globali;

Or. en

Emenda 95
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-assiguraturi għandhom rwol fundamentali biex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, billi jipprovdu protezzjoni kontra r-riskji għaċ-ċittadini u n-negozji, jappoġġjaw it-tfaddil għall-irtirar, u jaġixxu bħala investituri ewlenin fit-tul fl-ekonomija tal-UE;

Or. en

Emenda 96
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet finanzjarji jappoġġja l-iżvilupp ta' ditti innovattivi, ġodda u żgħar[1a]; billi r-rapport Draghi jenfasizza li l-averżjoni għar-riskju eċċessiva xxekkel it-tkabbir;
	[1A] Bank Ċentrali Ewropew, European competitiveness: the role of institutions and the case for structural reforms (Il-kompetittività Ewropea: ir-rwol tal-istituzzjonijiet u l-każ tar-riformi strutturali), https://www.ecb.europa.eu/press/economic-bulletin/articles/2025/html/ecb.ebart202501_01~fd1781599d.en.html

Or. en

Emenda 97
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-ostakli interni għas-suq uniku huma ekwivalenti għal tariffa ta' aktar minn 100 fil-mija għas-servizzi finanzjarji biss[1a];
	[1a] FMI, Perspettivi ekonomiċi reġjonali, Europe's Declining Productivity Growth: Diagnoses and Remedies (It-tnaqqis fit-tkabbir tal-produttività tal-Ewropa: Dijanjożi u rimedji) paġna 19

Or. en

Emenda 98
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi minn Marzu 2023, kien hemm 295 ċentru tan-negozjar, 14-il kontraparti ċentrali u 32 depożitorju ċentrali tat-titoli (CSD) fl-UE; billi 56-68 % tan-negozjar fil-post fl-2023 sar fuq l-iskambju domestiku għall-ħames indiċijiet ewlenin tal-ekwità tal-Ewropa tal-Punent (AEX 25, CAC 40, DAX 40, IBEX 35 u MIB 40) [1a]***;***
	[1a] Occasional Paper Series tal-BĊE Nru 369

Or. en

Emenda 99
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi s-swieq kapitali Ewropej huma frammentati ħafna, b'għadd sinifikanti ta' ċentri tan-negozjar joperaw madwar il-kontinent;

Or. en

Emenda 100

Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gd. billi l-finanzjament tal-ekwità għandu potenzjal sinifikanti mhux sfruttat fl-appoġġ tat-tkabbir u l-innovazzjoni tal-kumpaniji tal-UE; billi l-banek bħalissa jirrappreżentaw anqas minn 5 % tal-investimenti ta' ekwità privata, parzjalment minħabba t-trattament prudenzjali ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji korporattivi skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u l-qafas ta' Basel III;

Or. en

Emenda 101
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gd. billi r-reġimi tat-taxxa u tal-insolvenza madwar l-Istati Membri għadhom sostanzjalment mhux allinjati;

Or. en

Emenda 102
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ge (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ge. billi t-tfaddil se jiġi investit fl-Unjoni biss jekk l-ekonomija Ewropea toffri opportunitajiet attraenti u profittabbli biżżejjed; billi s-suċċess tal-Unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti jiddependi fuq titjib sostanzjali fil-kompetittività u l-attraenza ekonomika ġenerali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 103
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ge (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ge. billi skont ir-rapport Draghi, iċ-ċittadini tal-UE għandhom ikunu jistgħu jinvestu madwar l-Ewropa mingħajr tassazzjoni kumplessa u "t-tassazzjoni relatata mal-investimenti kapitali għandha tkun sinkronizzata kemm jista' jkun biex titnaqqas il-frammentazzjoni f'termini ta' inċentivi"[1a];
	[1a] Mario Draghi, "The Future of European Competitiveness - In-depth analysis and recommendations" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea - Analiżi fil-fond u rakkomandazzjonijiet), Parti B, Settembru 2024, paġna 293

Or. en

Emenda 104
Aurore Lalucq

f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gf. billi skont ir-rapport Letta, il-frammentazzjoni tat-taxxa tibqa' ostaklu ewlieni għan-negozji u l-SMEs tal-UE b'mod partikolari, u allinjament aħjar permezz ta' qafas tat-taxxa armonizzat tal-UE huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-ħaddiema, l-oġġetti u s-servizzi u biex jiġu appoġġjati t-tkabbir u l-investiment privat [1a];
	[1a] Enrico Letta, "Much More than a Market - Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens" (Ħafna aktar milli suq – Responsabbilizzazzjoni tas-suq uniku biex inwasslu futur sostenibbli u prosperità għaċ-ċittadini kollha tal-UE), April 2024, paġna 91, 111

Or. en

Emenda 105
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gf. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea rriżulta fit-telf ta' sehem sinifikanti tas-suq kapitali tal-Unjoni, u ħoloq kompetitur ta' prossimità b'infrastruttura finanzjarja żviluppata sew u aggregazzjonijiet profondi ta' likwidità;

Or. en

Emenda 106
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gg. billi l-integrazzjoni tas-swieq kapitali, filwaqt li hija meħtieġa, mhijiex biżżejjed waħedha biex tinkiseb iż-żieda mmirata fl-investiment; effiċjenza mtejba tas-swieq kapitali għandha tkun ikkomplementata minn inċentivi fiskali xierqa u investiment pubbliku mmirat;

Or. en

Emenda 107
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gg. billi n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' ħruġ għall-investituri jikkostitwixxi fattur ewlieni għas-sottożvilupp tal-fondi kapitali ta' riskju u tkabbir fl-UE, billi l-UE tiddependi b'mod eċċessiv fuq il-finanzjament mill-banek [1a];
	[1a] Is-self bankarju ammonta għal 50,43 % tal-finanzjament tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESTAT, BĊE, kalkoli 2023 tad-DĠ FISMA), Komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti, Sejħa għal evidenza

Or. en

Emenda 108
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gh. billi 84 % [1a] tat-titolizzazzjonijiet Ewropej totali nżammu mill-banek u ma nbigħux lill-investituri; billi b' 80 % tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni kien ikkonċentrat f'erba' Stati Membri; billi s-suq għall-ħruġ tat-titolizzazzjoni huwa kkonċentrat ħafna fost l-atturi tas-suq [1b];
	[1a] Monitoring systemic risks in the EU securitisation market (Il-monitoraġġ ta' riskji sistemiċi fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE), Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, Lulju 2022
	[1b] Skont il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) "Monitoring Systemic Risks in the EU Securitisation Market" (Il-monitoraġġ ta' riskji sistemiċi fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE) (Lulju 2022), fl-akbar faxxa tas-suq tal-UE, l-RMBS, għaxar banek kienu jirrappreżentaw żewġ terzi tal-ħruġ totali

Or. en

Emenda 109
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Gi (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gi. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tista' tikkontribwixxi għal żieda kumulattiva fil-PDG tal-Unjoni Ewropea ta' bejn 0,4 u 0,9 punti perċentwali sal-2026, u, fil-każijiet speċifiċi tal-Italja u Spanja, bejn 1.2 u 1.9 punti perċentwali [1a];
	[1a] Occasional Paper Series tal-BĊE Nru 362

Or. en

Emenda 110
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gj. billi l-pagamenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħalissa ma jistgħux isiru wara Diċembru 2026;

Or. en

Emenda 111
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gk (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gk. billi l-akbar strument attwali għall-kondiviżjoni tar-riskji tal-Unjoni huwa l-programm InvestEU; billi l-biċċa l-kbira tas-sħab ta' implimentazzjoni għadhom iffukati prinċipalment fuq l-ambitu tal-investiment b'riskju aktar baxx;

Or. en

Emenda 112
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa GI (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gl. billi r-reżistenza politika u l-interessi nazzjonali diverġenti ma ppermettewx li jintlaħaq kunsens dwar il-kisba ta' CMU;

Or. en

Emenda 113
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Nibnu viżjoni kondiviża għall-produttività tal-Ewropa u l-ħtieġa għal tkabbir ***sostenibbli***	Nibnu viżjoni kondiviża għall-produttività tal-Ewropa u l-ħtieġa għal tkabbir

Or. en

Emenda 114
Lefteris Nikolaou-Alavanos, Kostas Papadakis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Ir-rapport Draghi dwar il-kompetittività tan-negozji tal-UE għandu l-għan li jorjenta mill-ġdid l-ekonomija kapitalista tal-UE fi żmien meta l-kompetizzjoni ġeopolitika tal-UE qed tintensifika, biċ-Ċina u l-Istati Uniti jikkompetu għall-primazija, mal-Istati Uniti, iżda wkoll mar-Russja, filwaqt li l-ewwel sinjali ta' kriżi ekonomika ġdida qed isiru viżibbli. Għandu l-għan li jimmobilizza fondi akkumulati li ma ġewx investiti permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jagħti inċentivi addizzjonali lill-gruppi ekonomiċi, b'valur ta' biljuni ta' euro, u saħansitra joffri depożiti tan-nies ordinarji u fondi tal-pensjonijiet, li huma l-frott ta' ħajja ta' bżulija tal-familji fil-klassi tal-ħaddiema. Ir-rapport huwa kkaratterizzat mill-appoġġ tiegħu għall-bidla tal-UE għall-"ekonomija tal-gwerra", li diġà qed isseħħ bil-pjanijiet "ReArm Europe", "EU Preparedness Union" u "protectEU", u juri l-involviment dejjem akbar tal-UE fil-gwerra imperjalista fl-Ukrajna, kontra r-Russja kapitalista, fil-qafas tal-ippjanar Ewro-Atlantiku, iżda wkoll b'mod indipendenti, bis-"serq" tal-ġid minerali, il-grilji tat-trażmissjoni tal-enerġija eċċ. tal-Ukrajna. Jikkonċerna wkoll l-appoġġ tal-UE għall-istat okkupanti ta' Iżrael, li qed iwettaq ġenoċidju kontra l-poplu Palestinjan. F'isem il-kompetittività, ir-rapport Draghi jippromwovi l-iffriżar tal-pagi u tal-pensjonijiet, it-tnaqqis drastiku fl-edukazzjoni, is-saħħa, il-benesseri, il-protezzjoni ċivili, u l-kummerċjalizzazzjoni simultanja tagħhom sabiex tiġi ssussidjata l-profittabbiltà tal-gruppi. Bl-istess mod, jippromwovi ż-

żarmar ulterjuri tad-drittijiet għall-organizzazzjoni u l-azzjoni tat-trade unions u tal-istrajkjar, filwaqt li jrawwem il-klima tat-"theddida ta' gwerra" u taċ-"ċirkostanzi straordinarji". Skont ir-rapport Draghi, il-kont ta' EUR 800 biljun għall-ekonomija tal-gwerra se jitħallas bi prezz għoli ferm mill-ħaddiema tal-UE, il-povri klassijiet tal-ħaddiema, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-profittabbiltà u l-interessi ta' kumpaniji kbar, fi żmien meta l-"ħaddiema foqra" jiffurmaw aktar minn terz tal-popolazzjoni tal-UE u erbgħa minn kull għaxra kontinwament jew perjodikament mhumiex kapaċi jissodisfaw l-obbligi permanenti tagħhom.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir- rapport Draghi u l-ippjanar tal-UE kontra ċ-ċittadini – li għandu l-għan li jsaħħaħ il-gruppi ekonomiċi għad-detriment tad-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni li jaħdmu – huma rrifjutati.

Or. el

Emenda 115
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Jinsab imħasseb dwar l-inċertezzi ġeopolitiċi li għaddejjin u l-impatt tagħhom fuq l-indikaturi makroekonomiċi u l-konsegwenzi soċjali tagħhom; Jinnota li dawn l-inċertezzi diġà żiedu b'mod sinifikanti l-volatilità fis-swieq finanzjarji u wasslu biex iddgħajjef id-dollaru Amerikan; Jemmen li issa huwa l-mument ideali biex titħaffef l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Ewropa, peress li suq kapitali aktar integrat jista' jrawwem flussi akbar ta'

investiment, itejjeb l-istabbiltà finanzjarja, u jippożizzjona l-euro bħala munita globali aktar prominenti, filwaqt li jsaħħaħ is-sovranità ekonomika u r-reżiljenza tal-Ewropa; Jenfasizza li l-istat tad-dritt, l-istabbiltà leġiżlattiva u l-prevedibbiltà huma kruċjali għall-investituri internazzjonali; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm lura milli tagħmel bidliet sinifikanti fil-leġiżlazzjonijiet adottati reċentement; Jisħaq li l-ħruġ ta' dejn komuni tal-UE jikkontribwixxi għall-attraenza tas-swieq finanzjarji tal-UE, billi jipprovdi lill-investituri internazzjonali b'assi sikur u likwidu; Jenfasizza li euro diġitali jipprovdi mezz ta' pagament sigur, bla ħlas u faċilment aċċessibbli li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sovranità monetarja u jrawwem ir-rwol internazzjonali tal-euro;

Or. en

Emenda 116
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli ***kollha*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi ***sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika***, ***jinħolqu*** impjiegi ta' kwalità u ***jingħata kontribut għal konvergenza soċjali 'l fuq***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal ***liberalizzazzjoni tas-suq li tagħti spinta lil*** mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji ***kollha*** u l-istrumenti disponibbli ***assenjati b'mod effiċjenti*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, ***miksuba permezz tal-investiment privat, il-ftuħ tas-suq, u t-tnaqqis tal-ostakli, u b'hekk*** tiġi ***eliminata d-dipendenza qawwija fuq is-sussidji; ifakkar li l-liberalizzazzjoni tas-suq twassal għal attrazzjoni ta' investimenti u tagħti spinta lill-ħolqien u t-tkabbir tal-kumpaniji***, ***u dan joħloq wkoll*** impjiegi ta' kwalità u ***jikkontribwixxu għat-titjib tal-ħajja ta' kwalità taċ-ċittadini***, f'kuntest ta'

instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali ***fejn ir-regolamentazzjoni żejda tiskoraġġixxi l-investiment u l-ġenerazzjoni tal-ġid***;

Or. en

Emenda 117
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali ***tar-riżorsi finanzjarji*** u ***l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali*** u ***teknoloġika tal-UE***, ***tiġi sostnuta*** t-tranżizzjoni ekoloġika, ***jinħolqu*** impjiegi ta' kwalità u ***jingħata kontribut għal konverġenza*** soċjali ***'l fuq***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali ***ta' riżorsi legali, amministrattivi*** u ***finanzjarji biex tinbena unjoni b'saħħitha ta' swieq kapitali fl-Ewropa, li se tagħti spinta lill-investiment privat, iżżid l-investiment bl-imnut, tibdel lil dawk li jfaddlu f'investituri, tagħmel it-tfaddil aktar produttiv, ittejjeb l-istandards tal-għajxien Ewropej, iżżid it-tkabbir ekonomiku,*** u ***tiġġenera aktar kapital għall-investiment***, ***u dan min-naħa tiegħu se jsostni*** t-tranżizzjoni ekoloġika ***u diġitali***, ***joħloq*** impjiegi ta' kwalità u ***jżid l-opportunità ekonomika u l-mobbiltà*** soċjali, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 118
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu ***s-sigurtà*** u	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu ***l-***

s-sovranità industrijali u ***teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika***, ***jinħolqu impjiegi*** ta' ***kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq,*** f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

kompetittività u ***l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE permezz ta' politika*** industrijali ***msaħħa*** u ***orizzontali ffukata fuq l-innovazzjoni, it-teknoloġiji kritiċi***, ***u l-kapaċitajiet*** ta' ***difiża, biex in-negozji tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu globalment*** f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 119
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella ***għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex*** jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, ***tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika,*** jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella ***sabiex*** jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika ***u l-kompetittività*** tal-UE, ***u b'hekk jinħolqu*** jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 120
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà ***u s-sovranità*** industrijali u teknoloġika tal-UE***, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika,***	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà***, is-sovranità*** industrijali u teknoloġika tal-UE ***u*** jinħolqu impjiegi ta' kwalità,

jinħolqu impjiegi ta' kwalità ***u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 121
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella ***għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji*** u ***l-istrumenti disponibbli kollha*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella ***għall-iżvilupp ta' Unjoni tat-Tfaddil*** u ***tal-Investimenti*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika***, tissaħħaħ il-kompetittività, jiżdied it-tkabbir ekoloġiku***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 122
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE***, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità*** u ***jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq,*** f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE u ***tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni*** f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 123
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi ***sostnuta*** t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi ***aċċellerata*** t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 124
Fernand Kartheiser, Geadis Geadi, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ***ekoloġika***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ***diġitali***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 125
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika ***tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex ***tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE,*** jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika ***tagħha***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 126
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ***ġenerali*** tar-riżorsi finanzjarji ***u l-istrumenti disponibbli kollha*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, ***tiġi sostnuta*** t-tranżizzjoni ***ekoloġika***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji ***tas-settur privat*** biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, ***jiġu sostnuti*** t-tranżizzjoni ***lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 127
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ***ekoloġika***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ***tal-enerġija***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 128
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ***ġenerali*** tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ***sostanzjali*** tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 129
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ***diġitali u*** ekoloġika***, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku sostnut***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq ***u l-koeżjoni***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 130
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità***, issir promozzjoni tas-settur tal-SMEs*** u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali; ***jinnota li s-sigurtà hija prekundizzjoni għat-tkabbir sostenibbli;***

Or. en

Emenda 131
Guillaume Peltier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, ***b'mod partikolari l-ħolqien ta' materjali b'bażi bijoloġika u dawk kompostabbli,*** jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. fr

Emenda 132
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi ***sostnuta*** t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi ***mtejba u aċċellerata*** t-tranżizzjoni ekoloġika ***lejn livelli xjentifikament meqjusa bħala miri minimi***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 133
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali ***urġenti*** tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika ***u jsiru investimenti fiha***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 134
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika ***u diġitali***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 135
Guillaume Peltier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti

disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali***, bi sfond ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali, u livelli ta' dejn jogħlew fiż-żona tal-euro***;

Or. fr

Emenda 136
Carla Tavares, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, ***inkluż it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-protezzjoni ta' infrastruttura kritika – inklużi l-elettriku, l-ilma u s-sistemi ta' komunikazzjoni – biex jiġu ssalvagwardjati l-Ewropej u n-negozji tal-UE u jittaffa l-impatt tal-blackouts u tfixkil maġġuri ieħor;*** tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 137
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali; ***jinnota, f'dan ir-rigward, li t-titolizzazzjoni, billi r-riskju jiġi distribwit lill-investituri li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jeħduh, tirrappreżenta lieva b'saħħitha biex tiżdied il-kapaċità tal-investituri privati biex jiffinanzjaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.***
	Or. fr

Emenda 138
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-kompetittività mhijiex sfida li se tiġi solvuta bi flus ġodda biss; jisħaq li l-UE ma tistax terġa' lura mid-deklin relattiv billi toqgħod tonfoq il-flus; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha jieħdu azzjoni u jimplimentaw riformi legali u amministrattivi li jtejbu l-kompetittività, jippromwovu l-innovazzjoni u d-dinamiżmu, jissimplifikaw il-burokrazija, inaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet regolatorji għall-innovaturi, jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar, joħolqu klima li tiffavorixxi l-investiment fl-Ewropa, iżidu l-opportunitajiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, jindirizzaw il-gold-plating, u jtejbu l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati

Membri; jirrifjuta kwalunkwe mossa favur aktar protezzjonižmu tal-UE; jilqa' l-prijorità mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea biex il-piż fuq in-negozji tar-rekwiżiti ta' rappurtar obbligatorji skont il-liġi jitnaqqas b'25 % u 35 % għall-SMEs; jappella sabiex din il-prijorità tiġi implimentata fis-setturi kollha;

Or. en

Emenda 139
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja fis-sistema bankarja, filwaqt li l-fatt tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u ssir promozzjoni ta' suq uniku effiċjenti, li huma objettivi fundamentali għall-UE; ifakkar li t-tlestija tal-Unjoni Bankarja hija kundizzjoni meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, peress li dan mhux biss se jsaħħaħ il-protezzjoni ta' dawk li jfaddlu iżda se joħloq ukoll ambjent aktar sikur u prevedibbli għall-investimenti, ħaġa essenzjali biex jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku; jaqsam il-fehma li sistema konverġenti ta' unjoni bankarja se tgħin biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq, tittejjeb l-allokazzjoni tal-kapital u tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-Unjoni; jirrikonoxxi li t-tlestija tal-Unjoni Bankarja trid tkun prijorità strateġika fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

Or. en

Emenda 140
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għar-reviżjoni tal-aġenda tat-tranżizzjoni ekoloġika fid-dawl tal-piż amministrattiv li joħnoq in-negozji Ewropej, speċjalment l-SMEs u n-negozji ġodda; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni – minkejja l-effetti ekonomiċi negattivi tagħhom – ma ħassritx id-direttivi CSRD u CSDDD fil-kuntest tal-proposta Omnibus; jistieden lill-koleġiżlaturi jnaqqsu b'mod sinifikanti l-burokrazija matul in-negozjati tal-"proposta dwar il-kontenut" tal-pakkett Omnibus;

Or. en

Emenda 141
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq aktar proposti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv sabiex jiżdiedu r-riżorsi finanzjarji disponibbli tal-kumpaniji tal-UE; itenni l-importanza li jinħoloq ambjent verament favorevoli għan-negozju u l-investiment;

Or. en

Emenda 142
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta; ***ifakkar li l-gwadanji fil-produttività jistgħu jinkisbu prinċipalment permezz ta' investimenti f'attivitajiet innovattivi; jirrikonoxxi li l-bini ta' ekonomija sostenibbli jikkostitwixxi vantaġġ kompetittiv importanti tal-ekonomija tal-UE u l-pedament tas-sovranità ekonomika tal-UE; jemmen bil-qawwa li l-iżvilupp ta' qafas ta' finanzjament sostenibbli robust u kredibbli huwa kruċjali biex l-investimenti jiġu diretti f'konformità mal-objettivi fit-tul tal-UE u biex jiġu attirati investituri internazzjonali;***

Or. en

Emenda 143
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***terġa' tinkiseb il-produttività*** tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. ***Jenfasizza li hemm wisq kapital li ma jintużax b'mod produttiv fl-UE; jenfasizza li n-negozji, speċjalment l-SMEs, ma jistgħux jieħdu vantaġġ sħiħ mis-swieq kapitali eżistenti fl-Ewropa għall-finanzjament u l-investiment;*** jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***tittejjeb il-kompetittività*** tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. en

Emenda 144

Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***terġa' tinkiseb il-produttività*** tal-UE, ***mogħtija spinta*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa ***urġenti*** li ***jerġgħu jinkisbu u jiġu msaħħa l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku*** tal-UE, ***kif stimulati*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta***, li jipprovdu impetu kruċjali għall-investiment strateġiku u r-riforma strutturali madwar l-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 145
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, ***mogħtija spinta*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE ***b'mod soċjalment u ekoloġikament sostenibbli***, ***bis-saħħa tal-ispinta mogħtija*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. en

Emenda 146
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***terġa' tinkiseb il-produttività*** tal-UE, mogħtija ***spinta*** mir-Rapport Draghi u	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***jerġa' jinkiseb it-tkabbir tal-produttività*** tal-UE ***u b'hekk it-tkabbir***

mir-Rapport Letta;	***ekonomiku***, ***bis-saħħa tal-ispinta*** mogħtija mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. en

Emenda 147
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***terġa' tinkiseb il-produttività*** tal-UE, ***mogħtija spinta*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***jerġgħu jinkisbu l-kompetitività u l-produttività*** tal-UE, ***bis-saħħa tal-ispinta*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. en

Emenda 148

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***jerġgħu jinkisbu l-kompetittività u l-produttività*** tal-UE, ***bis-saħħa tal-ispinta mogħtija*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. fr

Emenda 149
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***jerġgħu jinkisbu l-produttività u l-kompetittività*** tal-UE, ***bis-saħħa tal-ispinta mogħtija*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

Or. en

Emenda 150
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta; ***jaqbel mal-fehma li l-Ewropa waqgħet lura meta mqabbla mal-kompetituri tagħha minħabba l-piż regolatorju żejjed u l-intervent qawwi mill-istati, li għawġu s-swieq u skoraġġew il-proliferazzjoni ta' kumpaniji ġodda u t-tkabbir ta' dawk eżistenti;***

Or. en

Emenda 151
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, ***mogħtija spinta*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, ***bis-saħħa tal-ispinta mogħtija*** mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta; ***jenfasizza li l-Ewropa għadha lura, u jista' jkun hemm ir-riskju li r-reġjun***

	5a. Jisħaq li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli, adegwata u soċjali – b'mod partikolari f'oqsma ta' domanda għolja – sar ostaklu strutturali għall-mobilità u l-produttività tax-xogħol u li dan jimmina l-kompetittività fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 220
Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li aktar investimenti fl-infrastruttura kritika jistgħu jitqanqlu minn użu akbar ta' sħubijiet pubbliċi-privati; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar sħubijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 221
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Ifakkar li l-kriżi finanzjarja preċedenti kienet il-konsegwenzi diretti ta' regolamenti laxki wisq; ifakkar li l-kriżi finanzjarja tal-passat kellha effetti ekonomiċi dejjiema fuq it-tkabbir, il-produttività u l-inklużjoni soċjali; jisħaq li qafas regolatorju effettiv u komprensiv, appoġġjat minn mekkaniżmi robusti ta' protezzjoni tal-konsumatur, huwa mutur ewlieni tal-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE u huwa essenzjali biex titħeġġeġ parteċipazzjoni akbar tal-bejgħ bl-imnut fis-swieq kapitali tal-UE; ifakkar li sensiela ta' studji mill-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja (BCBS) juru li, anke matul is-snin diffiċli wara l-kriżi, ir-riformi ta' Basel III għenu lill-banek Ewropej jappoġġjaw l-ekonomiji nazzjonali tagħhom; iqis li l-fatt li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-

investituri fil-livell tal-konsumatur u l-indirizzar tal-kunflitti ta' interess tal-konsulenti finanzjarji eżistenti huma essenzjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fis-swieq finanzjarji, u b'hekk jitrawwem ambjent tas-suq aktar trasparenti, ekwu u kompetittiv li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha; jilqa' inizjattivi li jippromwovu l-inklużjoni finanzjarja u jiżguraw l-aċċess tal-investituri bl-imnut għal prodotti finanzjarji bażiċi;

Or. en

Emenda 222
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jilqa' l-għan impost mill-Kummissjoni fuqha stess li tkun "Kummissjoni ta' investiment" u li jiġi żblukkat il-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali, kif ukoll li timmassimizza l-investiment pubbliku, tingrana u tneħħi r-riskju tal-kapital privat;

Or. en

Emenda 223

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi aċċellerata l-innovazzjoni u li jinstabu muturi ġodda ta' tkabbir, jitnaqqsu l-prezzijiet għoljin tal-enerġija filwaqt li jitkomplew id-dekarbonizzazzjoni u l-bidla lejn ekonomija ċirkolari;

Or. en

Emenda 224
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu d-dimensjoni tal-politika tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u għodod oħra ta' koordinazzjoni makroekonomika, u jimmobilizzaw l-investimenti u r-riformi biex itejbu s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, b'mod partikolari f'oqsma ta' domanda għolja, bħala prekundizzjoni għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 225
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jissottolinja li ħafna riformi meħtieġa biex tiġi eliminata d-diskrepanza fl-investiment ma jirrikjedu l-ebda riżorsa finanzjarja, iżda determinazzjoni politika biex dawn ir-riformi jiġu implimentati;

Or. en

Emenda 226
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jappella għal riformi li jagħmluha aktar faċli għan-negozji ż-żgħar biex jirreġistraw għall-VAT fl-UE kollha, inkluż b'mod elettroniku;

Or. en

Emenda 227
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jieħu nota tas-sejba tal-EIOPA li matul il-perjodu 2020-2023, ir-redditi tal-prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni ma qabżux il-livelli tal-inflazzjoni, li jfisser li dawk li jfaddlu fl-UE tilfu ġid f'termini reali; jiddeplora l-fatt li dawk li jfaddlu fl-UE ma jirċevux redditi proporzjonati għar-riskji li jieħdu, minħabba t-tariffi ogħla li jiffaċċjaw meta mqabbla mal-pari tagħhom; jinsab imħasseb li l-mudell ta' distribuzzjoni attwali jaġixxi bħala inċentiv għall-investituri fil-livell tal-konsumatur biex jinvestu f'assi mhux produttivi, bħall-kriptoassi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex tirriforma l-mudell ta' distribuzzjoni tal-prodotti finanzjarji tal-UE; għadu tal-fehma li projbizzjoni ta' inċentivi hija l-aħjar mod biex tiġi indirizzata l-kwistjoni;

Or. en

Emenda 228
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi l-qafas prudenzjali għad-ditti ta' investiment skont l-IFR/IFD, biex tiżgura li jkun proporzjonat u adattat għall-iskop tiegħu; jisħaq li d-ditti ta' investiment li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq jipprovdu likwidità importanti tas-suq; itenni li r-restrizzjonijiet li jistgħu jnaqqsu bla bżonn il-provvista ta' likwidità minn ditti ta' investiment jew jiskoraġġixxu d-dħul fis-suq minn ditti iżgħar għandhom jiġu indirizzati permezz ta' bidliet leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 229
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jappella għat-tisħiħ tal-istat soċjali Ewropew, inkluż l-aċċess universali għal servizzi pubbliċi ta' kwalità, l-akkomodazzjoni, il-mobbiltà u l-kura tat-tfal, bħala kundizzjoni biex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali matul it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar diġitali u ekoloġika;

Or. en

Emenda 230
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jinnota li s-settur finanzjarju tal-UE rreżista għax-xokkijiet ekonomiċi u finanzjarji reċenti kkawżati mill-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna jew id-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni Trump li jimponu tariffi unilaterali; jenfasizza li r-robustezza tas-settur finanzjarju hija element ewlieni tal-kompetittività tiegħu; jisħaq f'dan ir-rigward li r-riformi ta' wara l-kriżi finanzjarja għandhom jinżammu u jitlestew; jissottolinja li hija biss implimentazzjoni sħiħa tal-istandards ta' Basel li tiżgura li l-banek tal-UE jkunu finanzjarjament sodi; jinnota li proporzjon ogħla tal-portafoll tal-assi tal-assiguraturi huwa magħmul minn bonds korporattivi u ekwitajiet fl-2024 milli fl-2017; jissottolinja li dan juri li Solvenza 2, qafas prudenzjali robust, ma fixkilx iżda pjuttost rawwem l-investimenti tal-assiguraturi fl-ekonomija reali; iqis li l-finalizzazzjoni tar-Rieżami tas-Solvenza 2 trid tippreserva s-soliditàprudenzjali tal-qafas;

Or. en

Emenda 231
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. Ifakkar li t-tlestija tal-Unjoni Bankarja hija karatteristika prominenti

tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment; iqis li r-rieżami tal-qafas għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti (CMDI) huwa biss pass wieħed meħtieġ f'dik id-direzzjoni; ifakkar li l-Kumitat ECON tal-Parlament Ewropew f'April 2024 adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS); ifakkar li l-EDIS tipprovdi livell ugwali ta' sikurezza lil kull depożitant kull fejn jinsab fl-Unjoni Bankarja, tissepara r-rabta bejn il-banek u s-sovrani u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni tas-settur bankarju; jibqa' impenjat bis-sħiħ għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, inkluża EDIS sħiħa;

Or. en

Emenda 232
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Nimmobilizzaw l-investiment privat u ***niffaċilitaw*** l-aċċess għall-finanzi	Nimmobilizzaw l-investiment privat u ***ninċentivaw*** l-aċċess għall-finanzi

Or. en

Emenda 233
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Nimmobilizzaw l-investiment privat u niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi	Nimmobilizzaw l-investiment privat u niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi ***permezz***

tal-iżvilupp ta' Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti:

Or. en

Emenda 234
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li ***l-attraenza tas-swieq*** kapitali tal-UE se ***tiżdied permezz ta'*** integrazzjoni ***ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien*** ta' opportunitajiet ekonomiċi ***għal investimenti*** privati***,*** li ***jippermettu*** redditi ***ogħla***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri ***bbażati*** fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. ***Jirrikonoxxi li wieħed mill-ostakli ewlenin għall-bini tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti jibqa' l-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji tal-UE;*** jemmen li ***l-ħolqien ta' suq*** kapitali tal-UE ***attraenti u kompetittiv*** se ***jirrikjedi, fost l-oħrajn, aktar*** integrazzjoni ***tas-swieq kapitali nazzjonali, aktar armonizzazzjoni f'ċerti oqsma*** ta' ***politika, approċċ aktar koerenti għall-prattiki superviżorji iżda wkoll*** opportunitajiet ekonomiċi ***aħjar għall-investituri*** privati li ***joffru*** redditi ***tajbin***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri ***kif ukoll kumpaniji bbażati*** fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 235
Auke Zijlstra, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq

kapitali tal-UE se tiżdied permezz ***ta' integrazzjoni ulterjuri*** tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	kapitali tal-UE se tiżdied permezz ***tat-tisħiħ*** tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati ***u deregolamentazzjoni ambizzjuża iżda mmirata, pereżempju billi jitħassar is-CSRD u s-CSDDD***, li jippermettu ***t-tnaqqis tal-kostijiet tal-konformità u jiskatta*** redditi ogħla; ***jissottolinja li l-opportunitajiet ekonomiċi ma jistgħux jinħolqu minn leġiżlatur, iżda mill-intraprenditorija; jissottolinja li leġiżlatur jista' joħloq biss ambjent regolatorju li jwassal għall-intraprenditorija;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi***, inkluzi d-deregolamentazzjoni***, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali***, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' skrinjar adegwat tal-investiment barrani***;

Or. en

Emenda 236
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li s-swieq kapitali Ewropej bħalissa għadhom frammentati ħafna, u li l-fondi ta' investiment Ewropej għadhom kważi seba' darbiet iżgħar meta mqabbel mal-fondi tal-Istati Uniti[1a]; iqis li dan jagħmel ħsara lill-kompetittività tas-settur tal-fondi ta' investiment tal-UE fil-konfront tal-kompetituri globali, peress li

d-daqs tal-fond huwa fattur ewlieni li jinfluwenza l-kostijiet imposti fuq l-investituri finali; jemmen li suq tal-fondi transfruntieri aktar integrat fl-UE jista' jwassal għat-tkabbir fid-daqsijiet tal-fondi maż-żmien u gwadanji fl-effiċjenza li jekk jingħaddew lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jwasslu valur aħjar għall-flus għall-investituri finali;

---

*[1a] **Rapport Noyer, p. 62 https://www.tresor.economie.gouv.fr/Articles/e3283a8f-69de-46c2-9b8a-4b8836394798/files/6b8593b5-ca31-45a3-b61c-11c95cf0fc4b***

Or. en

Emenda 237
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet***, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux*** leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla ***għaċ-ċittadini u l-kumpaniji***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 238

Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' ***ambjent regolatorju li jixpruna l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE u ta'*** opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali; ***ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza ta' koordinazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri, fost l-istrumenti ta' finanzjament u fil-politiki kollha;***

Or. en

Emenda 239
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs,	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha***, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tiegħu*** u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux

likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. fr

Emenda 240
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; ***jissottolinja li l-integrazzjoni tas-swieq kapitali hija pilastru neċessarju tal-istrateġija ta' investiment tal-Unjoni, li għandha tiġi kkomplementata minn inċentivi fiskali mfassla tajjeb biex jiġi massimizzat l-impatt;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 241
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll ***mhux leġiżlattivi, biex*** irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha***, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tiegħu,*** u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll ***nonleġiżlattivi, billi jibnu fuq is-swieq kapitali żviluppati tajjeb u li joperaw tajjeb f'ċerti Stati Membri sabiex*** irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 242
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha ***u integrat*** li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali; ***ifakkar li l-prospett ta' redditu ogħla fuq l-investiment huwa inċentiv ewlieni għall-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur fis-***

swieq kapitali;

Or. en

Emenda 243
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; ***jenfasizza li, madankollu, ir-redditi huma mminati mill-ispejjeż għoljin assoċjati mal-investimenti fis-swieq finanzjarji Ewropej;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 244
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta'	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta'

integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissimplifika l-ambjent kummerċjali attwali u tippromwovi kompetizzjoni ġusta bejn ċentri tan-negozjar multilaterali u bilaterali, bl-għan li tinkoraġġixxi attività akbar fis-swieq trasparenti; iħeġġeġ ukoll riežami tal-qafas MiFID II/R biex tittejjeb it-trasparenza fil-kummerċ bilaterali u tiġi indirizzata l-bidla dejjem akbar lejn ċentri bħal dawn, li tista' timmina l-formazzjoni tal-prezzijiet, ir-reżiljenza tas-suq, u l-ġustizzja għall-emittenti u l-investituri;***

Or. en

Emenda 245
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali

bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	***filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur u s-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja***;

Or. en

Emenda 246
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali; ***jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) ma tkunx possibbli mingħajr it-tlestija tal-Unjoni Bankarja;***

Or. en

Emenda 247
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi	6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi

għal investimenti privati, li jippermettu redditi ***ogħla***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

għal investimenti privati, li jippermettu ***kostijiet tal-finanzjament iktar baxxi, tnaqqis fil-frizzjonijiet u fl-aħħar nett*** redditi ***aktar attraenti***; jistieden lill-Kummissjoni u ***b'mod partikolari*** lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

Or. en

Emenda 248
Fabio De Masi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li l-kreditu bankarju normalment ikun inqas volatili mill-flussi kapitali fuq terminu qasir u li għadu sors importanti ta' finanzjament korporattiv peress li l-banek jifhmu aħjar is-swieq reġjonali u l-mudelli ta' negozju u s-swieq kapitali jsofru minn imġiba aggravata fejn kulħadd jagħmel l-istess ħaġa u asimmetriji fl-informazzjoni; filwaqt li l-unjoni tas-swieq kapitali tista' żżid il-produttività fis-swieq finanzjarji Ewropej permezz ta' allokazzjoni msaħħa u tiffinanzja investimenti akbar li jeħtieġu skala u kamp ta' applikazzjoni bħal fl-IA, ma jistax ikun mistenni li żżid b'mod sinifikanti l-ammont tad-domanda għall-investiment privat u spiss tiswa wisq għall-SMEs; biex dan iseħħ, il-gvernijiet ikollhom iżidu l-investiment pubbliku u b'hekk jattiraw l-investiment privat;

Or. en

Emenda 249
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li r-rapport Draghi jidentifika s-sottożvilupp ta' sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi, okkupazzjonali u privati prefinanzjati fl-Istati Membri tal-UE bħala fattur li jillimita b'mod sinifikanti l-iżvilupp tas-suq kapitali; jissottolinja li s-sistemi tal-pensjonijiet prefinanzjati, fejn il-kontribuzzjonijiet definiti jiġu investiti fis-swieq kapitali aktar milli distribwiti permezz ta' sistemi pay-as-you-go, huma kruċjali biex l-investimenti fit-tul jiġu diretti lejn l-ekonomija reali; jappoġġja lis-sħab soċjali madwar l-Istati Membri tal-UE fl-iżvilupp ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali; jirrikonoxxi l-benefiċċji ta' allokazzjonijiet ogħla fl-ekwitajiet u l-fondi ta' investiment mill-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet tax-xogħol, fejn ikunu finanzjarjament sodi;

Or. en

Emenda 250
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mis-soluzzjonijiet biex jiżdiedu l-investimenti fl-Ewropa, toħloq strument ta' investiment privat ġdid li jitneħħa mir-riskju mill-garanzija tal-baġit tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni massiva u l-kompetittività fl-Ewropa; jenfasizza li dan

l-istrument jiġbor fondi privati minn pensjonijiet, assigurazzjoni u tfaddil permezz ta' bonds ta' grad ta' investiment li jkunu tneħħew mir-riskju minn garanzija pubblika tal-UE u jopera permezz ta' sottofondi li jkopru strumenti ta' garanzija ta' ekwità fi stadju bikri, ekwità ta' tkabbir u finanzjament ta' proġetti.

Or. en

Emenda 251
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Lemmen li s-CMU se tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-SMEs billi toffri opportunitajiet ta' investiment b'rendiment għoli fl-ekonomija reali u eventwalment tagħti spinta lis-suq ta' kapital ta' riskju billi ttejjeb l-aċċess għal sorsi ta' finanzjament diversifikati; jemmen li l-finanzjament tan-negozji Ewropej li qed jespandu b'kapital Ewropew għandu jkun prijorità, kif muri mill-Inizjattiva taċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija, li tnediet fi Frar 2023 biex jiġu ffinanzjati kumpaniji teknoloġiċi Ewropej promettenti;

Or. en

Emenda 252
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6a. Jirrimarka li d-daqs, il-profondità u l-likwidità tas-swieq kapitali jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor, u li xi Stati Membri irnexxielhom tabilħaqq aktar jipprovdu swieq primarji u sekondarji attraenti għan-negozji u jġiegħlu liċ-ċittadini jinvestu dawk is-swieq; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-aħjar prattiki u tintegrahom fil-fluss ta' ħidma tal-Unjoni dwar it-Tfaddil u l-Investiment;

Or. en

Emenda 253
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid il-qafas regolatorju attwali tal-MiFID II/R biex tnaqqas il-kumplessità tax-xenarju kummerċjali, ittejjeb it-trasparenza fin-negozjar bilaterali u tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn ċentri multilaterali u bilaterali, u fl-aħħar mill-aħħar trawwem aktar kummerċ fi swieq trasparenti għall-benefiċċju tal-emittenti, l-investituri, formazzjoni effiċjenti tal-prezzijiet u r-reżiljenza tas-swieq kapitali tal-UE;

Or. en

Emenda 254
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6a. Jenfasizza li d-diskrepanza fil-finanzjament tal-innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma tistax tiġi indirizzata biss permezz ta' armonizzazzjoni regolatorja jew titjib fis-superviżjoni finanzjarja; jirrimarka li l-kapital għadu miexi lejn swieq barra mill-Unjoni li spiss ikollhom kostijiet saħansitra ogħla, li jissuġġerixxi kwistjonijiet strutturali aktar profondi fi ħdan l-ekosistema ta' investiment tal-UE, li jeħtieġ li jiġu indirizzati;

Or. en

Emenda 255
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iqis li l-kapital privat se jkun strumentali sabiex jingħalaq id-distakk fl-investiment identifikat minn Draghi bl-aktar mod effiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti ambizzjuż u sinifikanti biex tintegra bis-sħiħ is-swieq kapitali Ewropej u telimina l-ostakli interni għall-kapital li jiċċirkola liberament madwar l-UE;

Or. en

Emenda 256
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess imtejjeb għal prezzar aġġornat u informazzjoni dwar il-prodotti għall-

investituri fil-livell tal-konsumatur kif ukoll opportunitajiet għal offerti personalizzati; jappella għal miżuri biex tali informazzjoni ssir aktar faċilment aċċessibbli; jisħaq fuq l-importanza tal-litteriżmu finanzjarju u jitlob azzjonijiet speċifiċi biex tingħata spinta lil-litteriżmu finanzjarju;

Or. en

Emenda 257
Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jilqa' l-intenzjoni fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment li tingħata spinta lis-swieq tat-titolizzazzjoni permezz ta' proposta leġiżlattiva biex jiġu aġġustati r-rekwiżiti prudenzjali għall-banek u l-assiguraturi, peress li l-kapitalizzazzjoni tal-banek tal-UE diġà hija biżżejjed u se tmur lil hinn bil-minimu tal-output tas-CRR.

Or. en

Emenda 258
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza f'dan ir-rigward li suq kapitali integrat bħal dan għandu jipprovdi possibbiltajiet ugwali lill-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-daqs u l-iżvilupp tas-swieq kapitali tagħhom;

Or. en

Emenda 259
Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jappella għall-introduzzjoni ta' familja ta' indiċi fl-UE kollha biex jissaħħu l-viżibbiltà, il-komparabbiltà u t-trasparenza ta' kumpaniji elenkati fil-Borża fl-UE, filwaqt li tissaħħaħ l-integrità tas-suq. Din il-familja tal-indiċi għandha tkun ibbażata fuq it-Tape Konsolidat (CT), tkopri l-istokkijiet kollha elenkati pubblikament fl-UE u tippermetti subindiċijiet għall-pajjiżi, ir-reġjuni u s-setturi individwali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet diversi tal-investituri, l-emittenti, u l-iskambji tagħhom. L-iżvilupp u l-ġestjoni tal-indiċijiet, kif ukoll l-użu tagħhom mill-parteċipanti fis-suq, iridu jkunu kosteffiċjenti biex jimminimizzaw il-piż fuq il-parteċipanti fis-suq u jimmassimizzaw l-effetti pożittivi tat-tieni rawnd, bħal żieda fil-listi tal-ħażniet u prodotti finanzjarji ġodda.

Or. en

Emenda 260
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jisħaq li l-isfida ewlenija tinsab mhux biss fil-provvista ta' kapital ta' investiment, iżda wkoll fil-kapaċità limitata tal-ekonomija Ewropea li tuża tali

kapital għal innovazzjoni b'riskju għoli u b'redditu għoli; dan jirrifletti taħlita ta' politika makroekonomika mhux orjentata lejn it-tkabbir fit-tul, kif ukoll suq uniku, b'mod partikolari fis-servizzi, li għadu frammentat u nieqes minn direzzjoni strateġika;

Or. en

Emenda 261
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jirrimarka li l-likwidità, il-profondità, it-trasparenza u l-formazzjoni effettiva tal-prezzijiet huma karatteristiċi ewlenin tas-swieq finanzjarji kompetittivi; jinnota li x-xenarju kummerċjali tal-UE għadu frammentat, anke fir-rigward ta' tipi differenti ta' ċentri tan-negozjar; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ iċ-ċentri tan-negozjar multilaterali trasparenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi maċ-ċentri bilaterali;

Or. en

Emenda 262
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Iħeġġeġ għal enfasi aktar ċara fuq il-litteriżmu finanzjarju peress li l-livell ta' fehim taċ-ċittadini tal-UE dwar il-prodotti ta' investiment rispettivi għandu jitjieb. Jemmen li ż-żieda fis-

sensibilizzazzjoni u l-fiduċja finanzjarja hija essenzjali biex tinħoloq Unjoni tas-Swieq Kapitali li tirnexxi u biex jiġu mobilizzati l-investimenti privati;

Or. en

Emenda 263
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Ifakkar li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija mezz biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni, aktar milli għan fiha nnifisha; jitlob lill-Kummissjoni tqis l-importanza tal-opportunitajiet ekonomiċi fil-proposti tagħha mmirati biex jagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-apparat produttiv Ewropew;

Or. en

Emenda 264
Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jappella għal strateġija industrijali Ewropea mġedda li tgħaqqad l-armonizzazzjoni regolatorja ma' politiki attivi fejn tidħol id-domanda, li tippermetti lill-kumpaniji jespandu, jinnovaw u jikkompetu globalment f'teknoloġiji emerġenti, filwaqt li tippreserva l-impenn tal-Unjoni għal

kompetizzjoni ġusta u sostenibbiltà soċjali u ambjentali;

Or. en

Emenda 265
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	***imħassar***

Or. en

Emenda 266
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	***imħassar***

Or. en

Emenda 267
Fernand Kartheiser, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	***imħassar***

Or. en

Emenda 268
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja ***l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu*** li ***l-ESMA tingħata setgħat*** superviżorji ***diretti*** fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej***;***	7. Jappoġġja ***l-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u jisħaq*** li ***kwalunkwe evoluzzjoni tar-responsabbiltajiet*** superviżorji fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej ***għandha tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà.***

Or. en

Emenda 269
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; ***itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;***	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq;

Or. en

Emenda 270
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; ***itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat*** superviżorji diretti ***fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej***;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq***, fejn hemm każ b'saħħtu għall-valur miżjud Ewropew***; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tesplora fejn is-setgħat*** superviżorji diretti ***tal-ESMA jistgħu jagħtu tali valur miżjud fil-livell Ewropew***;

Or. en

Emenda 271
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali*** u ***l-istrutturi tas-suq***; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	7. ***Ifakkar li l-ESMA diġà għandha setgħat superviżorji diretti fuq diversi entitajiet finanzjarji, bħal Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu, repożitorji tat-tranżazzjonijiet jew Kontropartijiet Ċentrali tal-Grad 2 li jinsabu barra mill-UE; Iqis li qafas superviżorju aktar Ewropeizzat jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni*** u ***l-approfondiment tas-swieq kapitali tal-UE; Huwa tal-fehma li jista' jiġi segwit approċċ gradwali biex jintlaħaq dan l-objettiv***; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA ***l-ewwel*** tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej; ***Jissuġġerixxi li l-ESMA tista' ssir ukoll ċentru ċentrali tad-data, li jiċċentralizza r-rapportar tal-entitajiet soġġetti għar-***

rekwiżiti ta' rapportar skont il-MiFiR u l-EMIR; Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-modalitajiet li bihom, fit-tieni stadju, l-ESMA tista' tingħata aktar responsabbiltajiet superviżorji fuq entitajiet addizzjonali, bħal ċentri tan-negozjar, fondi ta' investiment jew maniġers tal-assi kbar;

Or. en

Emenda 272
Regina Doherty, Martine Kemp, Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja ***l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali*** u ***l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu*** li ***l-ESMA tingħata setgħat*** superviżorji ***diretti*** fuq ***l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej***;	7. Jappoġġja ***kooperazzjoni akbar bejn l-ESMA*** u ***l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali bbażata fuq l-ugwaljanza, u jenfasizza l-importanza ta' distribuzzjoni ġusta u bbilanċjata tas-setgħat superviżorji*** li ***tirrispetta l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali inkluż il-valur tal-għarfien istituzzjonali eżistenti tagħhom, kif ukoll il-kapaċitajiet superviżorji u l-għarfien espert eżistenti tagħhom, għax dan jagħmilhom mgħammra bl-aħjar mod biex jifhmu l-kuntesti lokali; jisħaq li konverġenza superviżorja msaħħa tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' aktar kooperazzjoni bbażata fuq l-ugwaljanza u objettivi komuni, u li din tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, tnaqqas il-"gold-plating", u tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi eżistenti; jappella għal proposta biex tiġi avvanzata tali kooperazzjoni akbar bejn is-superviżuri nazzjonali u l-ESMA;***

Or. en

Emenda 273
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; ***itenni t-talba tiegħu*** li ***l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi*** tas-suq ***pan-Ewropej***;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni ***ulterjuri*** tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; ***jistieden lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej isaħħu l-konverġenza fost il-prattiki tagħhom sabiex javvanzaw l-integrazzjoni tas-swieq kapitali; jipproponi*** li ***l-awtoritajiet superviżorji Ewropej jużaw aktar l-għodod ta' konverġenza tagħhom biex jidentifikaw u jindirizzaw prattiki diverġenti li jfixklu l-iżvilupp*** tas-suq***; jitlob li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali għall-għarfien espert tekniku u l-appoġġ operazzjonali permezz tal-awtoritajiet Ewropej, u b'hekk tiġi promossa superviżjoni aktar konsistenti, effettiva u proporzjonata madwar l-Unjoni, mingħajr il-ħtieġa li jiġu ċċentralizzati l-kompetenzi;***

Or. en

Emenda 274
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li ***l-ESMA tingħata*** setgħat superviżorji diretti fuq ***l-infrastrutturi*** tas-suq ***pan-Ewropej***;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li ***jitrawwem il-proċess ta' konverġenza superviżorja mmexxi mill-ESMA fuq infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej sabiex tittejjeb l-effiċjenza tax-xenarju superviżorju u l-kollaborazzjoni mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs); jistieden lill-Istati Membri jieħdu***

azzjoni ulterjuri fl-impenn tagħhom li jagħtu setgħat superviżorji diretti akbar lill-ESMA fuq il-forniturи ta' servizzi tal-kriptoassi, l-infrastruttura tas-suq, u l-entitajiet finanzjarji transfruntiera;

Or. en

Emenda 275
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq ***l-infrastrutturi*** tas-suq pan-Ewropej;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq ***infrastrutturi u entitajiet*** tas-suq pan-Ewropej ***sinifikanti, filwaqt li entitajiet iżgħar u ffukati fuq livell nazzjonali jitħallew taħt superviżjoni nazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata l-armonizzazzjoni bejn l-oqfsa nazzjonali fejn possibbli***;

Or. en

Emenda 276
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej ***sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-swieq tal-kwotazzjonijiet Ewropej***;

Or. en

Emenda 277
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej***, inkluż borż kbar, kontropartijiet ċentrali, u depożitorji tat-titoli, gruppi ta' ġestjoni tal-assi transfruntiera, fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u għall-prodotti u s-servizzi ġodda kollha; iqis li l-governanza tal-ESMA għandha tiġi riveduta biex tiggarantixxi l-effiċjenza u l-indipendenza tad-deċiżjonijiet tal-ESMA; jappoġġja l-proposta fir-rapport ta' Draghi li l-ESMA tingħata struttura ta' governanza aktar Ewropea, ispirata mill-mudell tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, abbażi tal-mudell tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku;***

Or. en

Emenda 278
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej; ***jitlob li l-kompetittività ssir parti integrali mill-proċess leġiżlattiv tal-UE (inkluż fil-livell tal-ESMA);***

Or. fr

Emenda 279
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;	7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej; ***iqis li superviżjoni armonizzata u ċentralizzata fuq is-swieq kapitali Ewropej tissoġġetta lill-parteċipanti fis-suq għal ġabra unika ta' regoli, li trawwem suq uniku reali għall-kapital Ewropew;***

Or. en

Emenda 280
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***7a. Huwa konvint li jeżisti lok għal riforma profonda tal-governanza tal-ESMA qabel ma jiġu estiżi r-responsabbiltajiet superviżorji tagħha; iqis li l-governanza riveduta tal-ESMA tista' tkun ibbażata fuq l-arranġamenti ta'**

governanza tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) jew tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) li nħolqot reċentement; jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni superviżorja għandha tittieħed minn korp eżekuttiv magħmul minn membri kompletament indipendenti, biex jiġi evitat kwalunkwe preġudizzju nazzjonali; jemmen li ankra lokali hija essenzjali għall-effikaċja tas-superviżjoni u l-preservazzjoni tal-għarfien espert tal-awtoritajiet nazzjonali; iqis l-istabbiliment ta' Timijiet Superviżorji Konġunti (TSK), fuq il-mudell ta' dawk eżistenti tal-MSU jew tal-AMLA li jmiss, magħmula minn awtoritajiet tal-UE u persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala mudell tajjeb;

Or. en

Emenda 281
Eero Heinäluoma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Minħabba ż-żieda fir-riskji tas-settur tal-kriptoassi, jistieden lill-KE tirriežamina malajr ir-regolament MICA u tagħti lill-ESMA setgħat superviżorji diretti fuq il-forniturи tas-servizzi tal-kriptoassi li jaqbżu ċertu daqs;

Or. en

Emenda 282
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrimarka li waħda mir-raġunijiet għall-frammentazzjoni fl-eżiti superviżorji hija l-prattika tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jlaħħqu obbligi nazzjonali addizzjonali minbarra r-regoli Ewropej li spiss jissejħu "gold-plating"; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jindirizzaw każijiet bħal dawn ta' kopertura żejda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jaslu għal eżiti superviżorji aktar konsistenti madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 283
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja r-rwol importanti li t-titolizzazzjoni jista' jkollha fl-iffaċilitar tal-finanzjament tal-investimenti, fil-bini ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament għall-kumpaniji Ewropej biex jiġi ffaċilitat it-tkabbir tagħhom, fiż-żieda tal-kompetittività Ewropea u fil-ħolqien ta' swieq kapitali Ewropej profondi u dinamiċi;

Or. en

Emenda 284
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7a. Konvinti li minflok jiċċentralizza l-oqfsa u s-setgħat istituzzjonali, speċjalment superviżorji, is-suq kapitali tal-UE jrid jibni sinerġiji bejn l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali u jżarma l-ostakli li bħalissa qed ifixklu l-fluss transfruntier tal-investimenti;

Or. en

Emenda 285
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iqis li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) għandhom ikunu ffinanzjati b'mod adegwat sabiex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom, inkluż billi jkunu jistgħu jimponu tariffi mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u parteċipanti fis-swieq finanzjarji minn kumpaniji taħt superviżjoni;

Or. en

Emenda 286
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq fuq l-importanza ta' rwol b'saħħtu għall-BĊE fis-sorveljanza tal-

infrastrutturi tas-suq sistemikament importanti, f'konformità mar-responsabbiltajiet tiegħu skont it-TFUE u r-Regolament SIPS; jemmen li l-BĊE għandu jikkontribwixxi b'mod attiv għat-tisħiħ tal-interoperabbiltà, ir-reżiljenza u l-integrazzjoni ta' sistemi ta' negozjar u ta' wara n-negozjar fl-UE kollha, b'mod partikolari permezz tas-sorveljanza tiegħu ta' pjattaformi bħat-TARGET2-Securities.

Or. en

Emenda 287
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jemmen li suq kapitali Ewropew b'saħħtu, aktar attraenti u li jiffunzjona aħjar għandu jagħmel użu sħiħ mid-diversità tas-swieq kapitali nazzjonali. Jenfasizza f'dan ir-rigward li soluzzjonijiet ta' natura waħda għal kulħadd diġà wrew li huma ineffettivi;

Or. en

Emenda 288
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Ifakkar li l-prodotti titolizzati Ewropej wettqu mill-inqas livell ekwivalenti bħal klassijiet oħra ta' assi ta' introjtu fiss matul l-aħħar 40 sena[1a] u jipprovdu firxa ta' għażliet ta' riskju;

1a

https://www.afme.eu/Portals/0/DispatchFeaturedImages/EU%20Securitisation%20back%20on%20track%205%20point%20plan.pdf

Or. en

Emenda 289
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora jekk u taħt liema modalitajiet għandha tinkiseb ukoll arkitettura superviżorja aktar integrata f'setturi oħra, bħall-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet;

Or. en

Emenda 290
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jirrimarka li kwalunkwe żieda fis-setgħat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandha timxi id f'id ma' żieda proporzjonata fil-livell ta' responsabbiltà tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej;

Or. en

Emenda 291
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jieħu nota tal-konklużjoni mir-rapporti Draghi, Letta u Noyer li x-xenarju tal-infrastrutturi tas-suq tal-UE għadu frammentat, b'mod partikolari meta mqabbel ma' dak tal-Istati Uniti; ifakkar li l-konsolidazzjoni tas-suq hija proċess immexxi mis-suq; iwissi kontra r-riskju li jinħolqu "entitajiet kbar wisq biex ifallu"; jenfasizza li l-mixja lejn superviżur uniku għall-infrastrutturi tas-suq tal-UE x'aktarx tiffaċilita l-konsolidazzjoni tas-suq; jenfasizza li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali huwa l-impediment ewlieni għall-konsolidazzjoni tas-settur tal-infrastrutturi tas-suq;

Or. en

Emenda 292
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jenfasizza li l-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' konformità li jseħħu f'kuntest transfruntier, diġà jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, eż. fil-qasam tal-kondiviżjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jimxu lejn reġim ta' "irrapporta darba biss"; iqis li l-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew huwa inizjattiva importanti f'dan ir-rigward u jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu;

Or. en

Emenda 293
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jenfasizza li l-iżvilupp tas-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni jista' jikkontribwixxi għall-ħtieġa urġenti li l-ekonomija tal-Unjoni tevolvi minn dipendenza primarjament fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek għall-finanzjament lejn ekonomija li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tas-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 294
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Huwa tal-fehma li r-riformi futuri tas-suq kapitali għandhom ikunu bbażati fuq l-approċċ minn isfel għal fuq u jqisu l-aħjar prattiki u l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 295
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Ifakkar fil-pont li t-titolizzazzjoni toħloq bejn is-swieq tas-self u dawk kapitali, billi tipprovdi lill-investituri b'aċċess għal firxa varjata ta' tipi ta' skoperturi, redditi u setturi; iqis li t-titolizzazzjoni toffri għodda versatili li tippermetti diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u għalhekk ir-riskju ta' esponiment u ssaħħaħ b'mod attiv ir-reżiljenza fl-UE permezz ta' diversifikazzjoni tal-kondiviżjoni tar-riskju privat bejn il-banek, l-assiguraturi u investituri oħra;

Or. en

Emenda 296
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika reviżjoni ambizzjuża u olistika tal-qafas ta' titolizzazzjoni fit-tieni trimestru tat-2025, ispirata mid-dikjarazzjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew, il-Grupp tal-Euro, il-BĊE, l-EIOPA, kif ukoll ir-rapport reċenti tal-Kumitat Konġunt tal-ASE, li jiffoka b'mod partikolari fuq ir-rieżami ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi, regoli ta' diliġenza dovuta, rekwiżiti ta' rapportar dwar ċerti tipi ta' assi, il-konsistenza ta' kriterji Sempliċi Transparenti u Standardizzati, kif ukoll il-proċess superviżorju, sabiex jiġi żgurat li t-titolizzazzjoni jista' jkollha rwol kruċjali fil-finanzjament tat-tkabbir Ewropew futur;

Or. en

Emenda 297
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7f. Ifakkar li t-titolizzazzjoni tista' terġa' tingħata l-ħajja mingħajr ma tiġi kompromessa l-istabbiltà finanzjarja billi s-salvagwardji fundamentali stabbiliti wara l-2008 jibqgħu l-istess: il-projbizzjoni tar-rititolizzazzjoni, il-projbizzjoni tat-titolizzazzjoni mingħajr ritenzjoni tar-riskju, is-sorveljanza stretta tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;

Or. en

Emenda 298
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7g. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-opportunità li toħloq pjattaforma komuni Ewropea ta' titolizzazzjoni, li tistandardizza l-prodotti u tattira aktar investituri fis-suq, inklużi banek iżgħar li bħalissa m'għandhomx aċċess għal dan il-metodu ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 299
Ralf Seekatz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 300
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 301
Johan Van Overtveldt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 302

Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti*** biex ***l-attivitajiet*** ta' ***kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq*** lejn ***l-UE***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***timplimenta l-EMIR 3.0 b'mod bla xkiel u proporzjonat, filwaqt li tingrana l-għodod eżistenti u l-inċentivi xierqa*** biex ***tippromwovi b'mod effettiv il-kompetittività u l-attraenza tal-attivitajiet tal-ikklerjar ibbażati fl-UE; jenfasizza li ċ-ċentri tal-ikklerjar tal-UE għandhom ikunu attraenti kemm għad-derivattivi denominati f'euro kif ukoll għal dawk mhux denominati f'euro, filwaqt li jiżguraw ir-rilevanza globali tal-Unjoni fl-ikklerjar ċentrali; jissottolinja li, f'konformità mal-objettiv ta' simplifikazzjoni regolatorja, l-enfasi għandha tibqa' fuq l-applikazzjoni effettiva tal-qafas eżistenti aktar milli fuq l-introduzzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi ġodda; jisħaq, barra minn hekk, li t-tisħiħ tal-offerta ta' servizz, il-firxa ta' prodotti, l-aċċettazzjoni kollaterali, u l-kompetittività tal-kostijiet tas-CCPs tal-UE huwa kruċjali biex tinkiseb rilokazzjoni sinifikanti tal-attivitajiet tal-ikklerjar*** lejn ***l-Unjoni; jinsisti li tali rilokazzjoni ma għandhiex tiġi segwita permezz ta' obbligi obbligatorji jew billi l-parteċipanti fis-suq jiġu mġiegħla jikklerjaw fl-UE, iżda pjuttost billi l-ekosistema tal-ikklerjar tal-UE ssir aktar attraenti, effiċjenti u rikka fl-opportunitajiet minn ġurisdizzjonijiet kompetituri, sabiex ikunu l-kumpaniji stess li jagħżlu li din tkun iċ-ċentru preferut tagħhom; jistieden lill-ESMA u lill-Kummissjoni, meta jimplimentaw l-EMIR 3.0, itejbu proċess immexxi mis-suq ibbażat fuq id-domanda u l-kompetittività, filwaqt li jiżguraw li l-ikklerjar tal-UE jsir iċ-ċentru naturali tal-għażla għall-parteċipanti fis-suq globali;***

Or. en

Emenda 303
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet*** ta' ***kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq*** lejn l-UE;	8. ***Jieħu nota tat-tielet deċiżjoni konsekuttiva tal-Kummissjoni li testendi l-ekwivalenza għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit; jieħu nota li 9 snin mid-deċiżjoni Brittannika li tiskatta l-Artikolu 50, u 5 snin wara l-Brexit, is-servizzi tal-ikklerjar ta' kuntratti denominati f'euro għadhom ma ġewx rilokati lejn l-UE; jissottolinja li dan jimplika li l-fornituri ta' attivitajiet ta' kklerjar ma jħossuhomx milqugħa fl-UE; jissottolinja li r-regolament EMIR ma jispeċifikax li s-servizzi tal-ikklerjar ta' kuntratti denominati f'euro jridu jiġu ttrasferiti fiż-żona tal-euro;***

Or. en

Emenda 304
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti*** biex ***l-attivitajiet*** ta' ***kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tissorvelja r-ripatrijazzjoni tal-attivitajiet tal-ikklerjar lejn l-UE u, fejn meħtieġ, tintroduċi miżuri*** biex ***tiffaċilita dan il-proċess; jinnota li l-ambjent ta' wara l-kummerċ fl-UE għadu frammentat; jitlob konsolidazzjoni mmexxija mis-suq u t-tneħħija ta' ostakli legali u regolatorji għal xenarju ta' wara l-kummerċ aktar***

integrat u effiċjenti;

Or. en

Emenda 305
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex ***l-attivitajiet ta' kklerjar*** jiġu ***rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE***;	8. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex ***tikkondividi b'mod effettiv l-aħjar prattiki fl-attivitajiet tal-ikklerjar u tas-saldu fost il-kmamar tal-ikklerjar tal-UE, filwaqt li tiżgura kooperazzjoni sħiħa; jisħaq l-importanza tal-kompetizzjoni bejn il-kmamar tal-ikklerjar u tas-saldu filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali u tiġi salvagwardjata l-kompetizzjoni ħielsa fi ħdan qafas komuni;***

Or. en

Emenda 306
Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tkompli tieħu approċċ raġonevoli għall-attivitajiet tal-ikklerjar, tiżgura li l-parteċipanti fis-suq tal-UE jibqa' jkollhom aċċess għal ikklerjar ċentrali effiċjenti u sikur, kif ukoll l-ikklerjar tal-klijenti, servizzi u tkompli tappoġġja l-istabbiltà u ċ-ċertezza għall-parteċipanti fis-suq tal-UE***;

Or. en

Emenda 307
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE***;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***li minflok ma ġġiegħel ir-ripatrijazzjoni tal-attivitajiet tal-ikklerjar lejn l-UE fuq bażi normattiva, għandha pjuttost toħloq ambjent kompetittiv u effiċjenti li jattira l-attivitajiet tal-ikklerjar***;

Or. en

Emenda 308
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Pascal Canfin, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq*** lejn l-UE;	8. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***timplimenta l-qafas rivedut tal-EMIR sabiex tiffaċilita r-ripatrijazzjoni tal-attivitajiet tal-ikklerjar*** lejn l-UE;

Or. en

Emenda 309
Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa proposti biex*** l-attivitajiet ta' kklerjar ***jiġu rimpatrijati b'mod xieraq*** lejn	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tevalwa l-impatt tar-regolamentazzjoni fuq*** l-attivitajiet ta' kklerjar lejn l-UE;

l-UE;

Or. en

Emenda 310
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE; ***jiddispjaċih dwar is-sitwazzjoni attwali fejn il-biċċa l-kbira tan-negozju tal-ikklerjar tal-UE jitwettaq barra mill-UE; jiddeplora d-deċiżjoni li tiġi estiża l-ekwivalenza għall-kontropartijiet ċentrali (CCPs) tar-Renju Unit għal perjodu ta' tliet snin sat-30 ta' Ġunju 2028 u jqis li tali estensjoni għandha tibqa' l-aħħar waħda;***

Or. en

Emenda 311
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE; ***jistenna bil-ħerqa att delegat ambizzjuż dwar il-kontijiet attivi skont l-EMIR 3.0; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta kontinwament l-***

iżvilupp ta' attivitajiet ta' kklerjar u tressaq aktar proposti leġiżlattivi biex issaħħaħ l-ekosistema tal-ikklerjar tal-UE;

Or. en

Emenda 312
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni ta' pakkett ambizzjuż ta' proposti leġiżlattivi biex tissaħħaħ l-ekosistema kummerċjali u ta' wara n-negozjar fl-Unjoni Ewropea, jitneħħew l-ostakli għall-attività transfruntiera u l-qafas ikun adattat għal teknoloġiji ġodda; jistenna li tali proposta tista' tgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-suq fl-UE; jenfasizza, madankollu, li kwalunkwe inizjattiva lejn il-konsolidazzjoni tas-suq għandha tkun immexxija mis-suq; jinnota li fil-passat, deċiżjonijiet stretti żżejjed dwar l-antitrust xi drabi kienu ta' xkiel għall-integrazzjoni ulterjuri tas-suq;

Or. en

Emenda 313
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni tal-istrutturi tas-suq, li twassal biex il-likwidità għall-ishma individwali tinfirex f'diversi ċentri tan-

negozjar; jirrikonoxxi l-impatt negattiv potenzjali tal-likwidità maqsuma fuq il-formazzjoni tal-prezzijiet, il-kwalità taż-żekuzzjoni, u l-profondità ġenerali tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza valutazzjoni tal-frammentazzjoni tal-likwidità bħala parti mill-ħidma tagħha fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tikkunsidra miżuri mmirati biex trawwem konċentrazzjoni akbar ta' likwidità fis-swieq tal-UE;

Or. en

Emenda 314
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; ***jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi***, u ***b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni***;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni ***ulterjuri*** tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***b'mod sinifikanti***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; ***jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż regolatorju assoċjat mal-Qafas ta' Finanzi Sostenibbli tal-UE, kif enfasizzat fir-rapport Draghi, b'mod partikolari permezz ta' ċarezza, konsistenza u gwida msaħħa; f'dan ir-rigward*, *jilqa' l-Pakkett Omnibus dwar is-Sostenibbiltà tal-Kummissjoni bħala pass lejn it-tnaqqis tal-kumplessità* u ***t-titjib tal-użu ta' strumenti leġiżlattivi ewlenin, b'mod partikolari permezz tal-bidla proposta għar-rapportar volontarju f'ċerti oqsma***;

Or. en

Emenda 315
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tistrieħ aktar fuq*** regolamenti aktar ***milli fuq direttivi***, ***u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni*** nazzjonali ***li tista' twassal għal frammentazzjoni;***	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***Ewropea tagħti preferenza, fejn xieraq, għall-użu ta'*** regolamenti ***bħala strumenti legali li bihom jiġi armonizzat*** aktar ***is-suq uniku u tiġi evitata l-frammentazzjoni regolatorja fost l-Istati Membri***, ***filwaqt li tiġi żgurata flessibbiltà adegwata fejn meħtieġ biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet*** nazzjonali ***u jkun hemm konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.***

Or. it

Emenda 316
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; ***jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;***	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera;

Or. de

Emenda 317
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***tista' ttejjeb*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri ***għandu jkun*** parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi***, u, b'mod aktar ġenerali, il-qafas regolatorju, b'mod partikolari għall-investituri u l-impriżi finanzjarji, jistgħu jtejbu*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***għall-investituri tal-UE u dawk barranin***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri ***u superviżjoni aktar armonizzata tal-attivitajiet fis-swieq nazzjonali għandhom ikunu*** parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-programm ta' simplifikazzjoni tagħha, biex tagħti prijorità lill-istabbiltà regolatorja.***

Or. fr

Emenda 318
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***tista'*** ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta'	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment;

investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk ***tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali*** li ***tista' twassal għal frammentazzjoni;***

jistieden lill-Kummissjoni għal simplifikazzjonijiet amministrattivi fuq skala kbira biex tattira l-investiment privat u trawwem il-kompetittività Ewropea, filwaqt li tiffaċilita l-ħolqien u l-espansjoni tan-negozji; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera***, speċjalment f'setturi strateġiċi bħas-settur tas-servizzi finanzjarji, fejn in-nuqqas ta' armonizzazzjoni jxekkel l-aċċess għall-finanzjament u l-investiment***; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi ***fis-settur tas-servizzi finanzjarji***, u b'hekk ***tnaqqas il-probabbiltà*** li ***jiġi applikat il-"gold-plating".***

Or. en

Emenda 319
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Pascal Canfin, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jinnota*** li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. ***Jemmen*** li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***għall-kumpaniji u ċ-ċittadini*** tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment***; jemmen li s-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għandha tinftiehem bħala li żżomm l-ambizzjoni tal-Ewropa, filwaqt li tiffaċilita l-implimentazzjoni għall-kumpaniji u l-fehim tar-regoli għaċ-ċittadini tagħha, li fl-aħħar mill-aħħar se jsaħħu l-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE;*** iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli

fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 320
Fernand Kartheiser, Geadis Geadi, Kristoffer Storm, Nora Junco García, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li ***l-allinjament*** tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; ***jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;***	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li ***l-koordinazzjoni*** tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera;

Or. en

Emenda 321
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu ***jkun*** parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq*** direttivi, ***u***	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament ***akbar*** tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu ***jitqies bħala mira biex ikun*** parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tivvaluta, fejn***

b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li ***tista' twassal għal frammentazzjoni***;

xieraq, l-użu ta' regolamenti minflok ta' direttivi, ***bl-għan li titnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja filwaqt*** li ***jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità***;

Or. en

Emenda 322
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tistrieħ aktar fuq*** regolamenti aktar milli ***fuq direttivi***, ***u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni*** nazzjonali ***li tista' twassal għal frammentazzjoni***;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni ***mmirata*** tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tikkunsidra li tiffavorixxi r-*** regolamenti aktar milli ***d-direttivi, fejn debitament motivati***, ***bil-ħsieb li jitnaqqsu d-diverġenzi*** nazzjonali ***bla bżonn u tiġi żgurata armonizzazzjoni akbar fis-suq uniku kollu***;

Or. en

Emenda 323
Lídia Pereira, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa

leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni***;

leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni ***tapplika l-prinċipju ta' "Inqas Regolamentazzjoni, Regolamentazzjoni Aħjar", filwaqt li tiggarantixxi l-armonizzazzjoni fejn il-valutazzjonijiet tal-impatt jindikaw valur miżjud ċar u tindirizza l-frammentazzjoni***;

Or. en

Emenda 324
Auke Zijlstra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati*** l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq ***regolamenti*** aktar milli fuq ***direttivi***, u b'hekk tillimita ***d-diskrezzjoni nazzjonali*** li tista' ***twassal għal frammentazzjoni***;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni ***u d-deregolamentazzjoni*** tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***u tiffaċilita*** l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq ***deregolamentazzjoni*** aktar milli fuq ***regolamentazzjoni***, u b'hekk tillimita ***r-regolamentazzjoni żejda tal-UE*** li tista' ***tiskoraġġixxi l-investiment fl-UE***;

Or. en

Emenda 325
Enikő Győri, Pierre Pimpie, Jorge Martín Frías

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jinnota*** li ***s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta'	9. ***Jissottolinja*** li ***t-tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv huwa essenzjali biex itejjeb*** l-attraenza tal-UE bħala

investiment; iqis li ***l-allinjament tal-oqfsa*** leġiżlattivi tal-Istati Membri ***għandu*** jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni ***biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;***

destinazzjoni ta' investiment; iqis li ***t-tisħiħ ta' sinerġiji bejn l-oqfsa*** leġiżlattivi tal-Istati Membri ***jista'*** jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni***, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tagħhom***, ***jiffaċilita l-attivitajiet transfruntiera***;

Or. en

Emenda 326
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li ***l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati*** Membri ***għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati*** l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq ***regolamenti*** aktar milli fuq ***direttivi***, u b'hekk ***tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni***;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li ***l-Istati*** Membri ***għandhom jaħdmu lejn is-simplifikazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi tagħhom sabiex jiffaċilitaw*** l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq ***direttivi*** aktar milli fuq ***regolamenti***, u b'hekk ***tħeġġeġ lill-Istati Membri jnaqqsu l-frammentazzjoni***;

Or. en

Emenda 327
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***tista' ttejjeb*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***u s-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni jistgħu jtejbu*** l-attraenza tal-UE bħala

leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni taderixxi mal-prinċipju ta' "one in, two out" biex tnaqqas il-piż regolatorju u twettaq kontroll tal-kompetittività fuq kull inizjattiva ta' politika ġdida;***

Or. en

Emenda 328
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***u jappella għal tnaqqis fil-kumplessitajiet mhux meħtieġa u fil-pożijiet għas-sħab ta' implimentazzjoni u l-benefiċjarji, b'mod speċifiku l-SMEs***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 329
Kinga Kollár, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ***tista' ttejjeb*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni ***u t-tħaffif*** tal-proċeduri amministrattivi ***kif ukoll it-tnaqqis tal-piż amministrattiv jistgħu jtejbu*** l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 330
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri***, filwaqt li jippreserva l-istandards soċjali minimu nazzjonali,*** għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 331
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***u jappella għal tnaqqis fil-burokrazija għall-benefiċjarji u għas-simplifikazzjoni tal-programmi tal-UE***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 332
Ľudovít Ódor, Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tesplora bir-reqqa l-potenzjal tat-28 reġim li jista' jissupera r-restrizzjonijiet eżistenti kollha;***

Or. en

Emenda 333
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni tindirizza każijiet ta' "gold-plating" mill-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 334
Eero Heinäluoma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-involviment sistematiku tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-mandati tal-Livell 2 u tal-Livell 3 biex tiggarantixxi li dawn il-mandati jkunu bbażati fuq l-evidenza, proporzjonati u mfassla għall-ħtiġijiet tas-settur finanzjarju. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-finanzjament meħtieġ għall-

eżekuzzjoni ta' dawn il-mandati mill-ASE;

Or. en

Emenda 335
Aurore Lalucq
f'isem il-Grupp S&D
Jonás Fernández, René Repasi, Eero Heinäluoma, Evelyn Regner, Niels Fuglsang, Claire Fita, Carla Tavares, Thomas Bajada, Francisco Assis, Lara Wolters

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iqis li l-ewwel pass ta' simplifikazzjoni jikkonsisti f'leġiżlazzjoni effiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-involviment tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-mandati tal-Livell 2 u tal-Livell 3 biex tiggarantixxi li dawn il-mandati jkunu bbażati fuq l-evidenza, proporzjonati u mfassla għall-ħtiġijiet tas-settur finanzjarju;

Or. en

Emenda 336
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jitlob tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u ta' konformità għall-kumpaniji, b'attenzjoni partikolari għall-kumpaniji elenkati, sabiex jittejbu l-kompetittività u l-attraenza tagħhom; jissottolinja li obbligi eċċessivi ta' rappurtar u kumplessità proċedurali jistgħu jiskoraġġixxu l-elenkar u jfixklu l-

aċċess għas-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 337
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi li jinċentivaw il-possibbiltajiet ta' investiment permezz tal-ħolqien ta' sostenibbiltà fit-tul u ambizzjuża u regolamentazzjoni oħra biex tiġi żgurata perspettiva fit-tul għall-industriji u l-investituri;

Or. en

Emenda 338
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jitlob li l-miżuri ta' implimentazzjoni skont l-Att dwar l-Elenkar ikunu allinjati bis-sħiħ mal-objettiv ġenerali tiegħu li jnaqqas il-kumplessità regolatorja u l-ispejjeż ta' konformità, b'mod partikolari għall-emittenti; jissottolinja li d-dispożizzjonijiet tal-Livell 2 għandhom jikkontribwixxu għal ambjent ta' elenkar aktar aċċessibbli u kosteffettiv madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 339
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-frammentazzjoni tal-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza u tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim transfruntier; jissottolinja li konverġenza legali u ċarezza proċedurali akbar huma essenzjali biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment transfruntier u biex tiġi appoġġjata integrazzjoni aktar profonda tas-swieq kapitali tal-UE;

Or. en